MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.
GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 43/2010

**ISP Limited**

**Vs**

**Direttur Generali (Dwana)**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat mis-socjetà ISP Limited fit-2 ta' Novembru 2010 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal jiddikjara li: (i) il-Kontrollur tad-Dwana ma jistax jikkontesta l-valur li hi iddikjarat stante li osservat il-procedura skond il-Ligi *inter alia* ai termini ta' l-Artikolu 4(5) tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) il-Kontrollur tad-Dwana ma jistax ma jaqbilx mad-dikjarazzjoni taghha u dan ai termini ta' dak provdut fl-Ewwel Artikolu tat-Tielet Skeda tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) il-Kontrollur tad-Dwana ma jistax jikkontesta l-valur f'dan l-istadju stante li l-oggetti gew dikjarati fil-presenza ta' l-Ufficjal tieghu skond il-Ligi u hija tilfet kull opportunità li tipprevalixxi ruhha mill-Artikolu 14 tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta; (iv) ma hemm l-ebda

prova li l-valur dikjarat minnha mhux il-valur korrett u cioè li dak li hija hallset huwa l-prezz ezatt li huwa indikat fid-dokumenti kollha dikjarati lill-awtoritajiet kompetenti u ghaldaqstant li d-decizjoni tal-Kontrollur tad-Dwana hija zbaljata u li l-valur dikjarat minnha huwa dak li ghandu jintuza sabiex jigi kalkolat kwalsiasi dazju li ghandu jigi jew li gie mhallas; bl-ispejjez kontra l-Kontrollur tad-Dwana;

Ra d-dokumenti esebiti mis-socjetà Rikorrenti flimkien mar-Rikors promotur a fol. 8 sa' 248 tal-process;

Ra r-Risposta tal-Kontrollur tad-Dwana permezz ta' liema in linea preliminari jeccepixxi li huwa gie notifikat biss bir-Rikors promotur u mhux ukoll bid-dokumenti annessi mieghu u ghaldaqstant jitlob li jigi notifikat b'tali dokumenti, u fil-mertu jopponi ghat-talbiet tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess jigu michuda u d-decizjoni tieghu kkonfermata, bl-ispejjez kontra s-socjetà Rikorrenti, stante li l-ammont ta' dazju u *anti-dumping duty* fis-somma ta' sittin elf seba' mija sitta u ghoxrin Euro (€60,726) huma dovuti mis-socjetà Rikorrenti fl-intier taghhom u dana ghar-ragunijiet esposti fid-deattal fl-istess Risposta;

Sema’ x-xhieda ta’ Olvin Galea moghtija waqt is-seduti ta’ l-14 ta’ Marzu 2011[1], tad-29 ta’ Settembru 2011[2], tas-7 ta’ Frar 2012[3], tas-17 ta’ April 2012[4], ta’ l-14 ta’ Gunju 2012[5] u ta’ l-14 ta’ Settembru 2012[6], ix-xhieda ta’ Roberto Mifsud moghtija waqt is-seduta tat-3 ta’ Mejju 2011[7], ix-xhieda ta’ Audrey Ghigo in rapprezentanza ta’ l-HSBC Bank Malta p.l.c.[8], ta’ Romuald Attard in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c.[9] u ta’ Robert Borg[10] ilkoll moghtija waqt is-seduta tad-29 ta’ Settembru 2011 u rat id-dokumenti esebiti minn Romuald Attard a fol. 280 sa’

1 Fol. 265 sa’ 270 tal-process.
2 Fol. 301 tal-process.
3 Fol. 333 sa’ 336 tal-process.
4 Fol. 344 sa’ 351 tal-process.
5 Fol. 361 sa’ 370 tal-process.
6 Fol. 380 tal-process.
7 Fol. 272 u 273 tal-process.
8 Fol. 294 tal-process.
9 Fol. 295 tal-process.
10 Fol. 296 tal-process.

293 tal-process, sema' x-xhieda ta' Dr. David Farrugia Sacco moghtija waqt is-seduti tad-29 ta' Settembru 2011[11], tas-7 ta' Frar 2012[12], tas-17 ta' April 2012[13], tat-8 ta' Mejju 2012[14] u ta' l-14 ta' Settembru 2012[15], ra d-dokumenti esebiti mill-HSBC Bank Malta p.l.c. permezz ta' Nota pprezentata fit-12 ta' Ottubru 2011 a fol. 302 u 303 tal-process, ra l-affidavit ta' Saviour Grima u d-dokumenti annessi mieghu esebit mill-Kontrollur tad-Dwana permezz ta' Nota pprezentata fil-15 ta' Dicembru 2011 u markati Dok. "SG" sa' Dok. "SG19" a fol. 304B *et sequitur* tal-process, ra l-affidavit ta' John Camilleri u d-dokumenti annessi mieghu esebit mill-Kontrollur tad-Dwana permezz ta' Nota pprezentata fis-16 ta' Dicembru 2011 u markati Dok. "JC" u Dok. "JC1" a fol. A54 sa' A57 tal-process, ra id-dokumeni esebiti mill-Kontrollur tad-Dwana permezz ta' Nota pprezentata fit-13 ta' Frar 2012 u markati Dok. "ISP1" sa' Dok. "ISP8" a fol. 306 sa' 322 tal-process, sema' x-xhieda ta' Saviour Grima moghtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Settembru 2012[16] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "RM1" a fol. 369 sa' 371 tal-process, sema' x-xhieda ta' John Camilleri moghtija waqt is-seduti ta' l-20 ta' Novembru 2012[17] u tal-15 ta' Jannar 2013[18] u d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "SS1" a fol. 391 sa' 394 tal-process, ra d-dokumenti esebiti mid-Direttur Generali (Dwana) permezz ta' Nota pprezentata fil-15 ta' Frar 2013 markati Dok. "JC-A" a fol. 399 sa' 406 tal-process;

Ra li b'Digriet moghti fl-20 ta' Marzu 2012 giet awtorizzata korrezzjoni fir-Rikors promotur u fl-atti kollha ta' dawn il-proceduri fis-sens illi l-Kontrollur tad-Dwana jigi indikat bhala l-Kummissarju tat-Taxxi u dana a tenur ta' l-Att XXII ta' l-2011 u ta' l-Avviz Legali 16 ta' l-2012;

Ra d-Digriet moghti fit-8 ta' Mejju 2012 li bih giet michuda t-talba tas-socjetà Rikorrenti ghall-isfilz tad-dokumenti

[11] Fol. 298 sa' 300 tal-process.
[12] Fol. 326 sa' 332 tal-process.
[13] Fol. 339 sa' 343 tal-process.
[14] Fol. 357A sa' 357C tal-process.
[15] Fol. 381 tal-process.
[16] Fol. 372 sa' 379 tal-process.
[17] Fol. 383 sa' 389 tal-process.
[18] Fol. 395 sa' 398 tal-process.

esebiti mill-Kontrollur tad-Dwana flimkien mad-dokument Dok. “SG” u senjatament tad-dokumenti markati Dok. “SG3”, Dok. “SG4”, Dok. “SG10A”, Dok. “SG10B”, Dok. “SG10C”, Dok. “SG11”, Dok. “SG11A”, Dok. “SG12”, Dok. “SG12A”, Dok. “SG13”, Dok. “SG13A”, Dok. “SG14”, Dok. “SG15”, Dok. “SG16”, Dok. “SG17”, Dok. “SG18” u Dok. “SG19” u Dok. “SG5”, Dok. “SG6”, Dok. “SG6a”, Dok. “SG7”, Dok. “SG7a”, Dok. “SG8”, Dok. “SG8a”, Dok. “SG9”;

Ra n-Nota ta’ Sottomissjonijiet tas-socjetà Rikorrenti u n-Nota Responsiva tad-Direttur Generali (Dwana) u sema’ t-trattazzjoni finali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà Rikorrenti tattakka decizjoni tal-Kontrollur tad-Dwana notifikata lilha b’ittra datata 24 ta’ Settembru 2010[19], fejn qed tigi mitluba thallas lid-Dipartiment tad-Dwana s-somma ta’ €60,726 *representing Duty and Anti-dumping Duty on a consignment of plastic bags imported into Malta per TDID numbers: 2009601020778, 2009601007344, 2009600990700, 2009600988228, 2009601025004, 2009601017688, 2009601003513, 2009600994513, 2008600985743, 2009601007159, 2009601011439, 2009601003512, 2009600994512, 2009601025003, 2009601007242, 2009600999915, 2009600988229, 2009601020779.* Hija titlob li t-Tribunal jiddikjara li: (i) il-Kontrollur tad-Dwana ma jistax jikkontesta l-valur li hi iddikjarat stante li osservat il-procedura skond il-Ligi *inter alia* ai termini ta' l-Artikolu 4(5) tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) il-Kontrollur tad-Dwana ma jistax ma jaqbilx mad-dikjarazzjoni taghha u dan ai termini ta' dak provdut fl-Ewwel Artikolu tat-Tielet Skeda tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) il-Kontrollur tad-Dwana ma jistax jikkontesta l-valur f'dan l-istadju stante li l-oggetti gew dikjarati fil-presenza ta' l-Ufficjal

[19] Fol. 248 tal-process.

tieghu skond il-Ligi u hija tilfet kull opportunità li tipprevalixxi ruhha mill-Artikolu 14 tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta; (iv) ma hemm l-ebda prova li l-valur dikjarat minnha mhux il-valur korrett u cioè li dak li hija hallset huwa l-prezz ezatt li huwa indikat fid-dokumenti kollha dikjarati lill-awtoritajiet kompetenti u ghaldaqstant li d-decizjoni tal-Kontrollur tad-Dwana hija zbaljata u li l-valur dikjarat minnha huwa dak li ghandu jintuza sabiex jigi kalkolat kealsiasi dazju li ghandu jigi jew li gie mhallas.

Is-socjetà Rikorrenti tibbaza l-appell taghha mid-decizjoni tal-Kontrollur tad-Dwana fuq is-segwenti aggravji:

- Il-Kontrollur ghandu l-obbligu legali li jgib prova ta' l-allegazzjoni tieghu fil-konfront taghha u huwa biss wara li tali allegazzjoni tigi stabbilita b'mod car u spjegat fid-dettal illi hija twiegeb lura u tirribatti ghall-istess allegazzjoni;
- Hija ma ghandhiex gharfien ghal liema ragunijiet il-Kontrollur qieghed jaghti valur differenti minn dak minnha dikjarat u ghalhekk jinkombi fuqu li jaghti spjegazzjoni cara tar-ragunijiet in bazi ghal liema wasal ghall-kalkolu tieghu u dana skond l-Ewwel Artikolu (2)(a) tat-Tielet Skeda tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta;
- A tenur ta' l-Artikolu 4(5) tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta l-Kontrollur ma ghandux u ma jistax jitlob il-hlas ta' l-ammont minnu pretiz meta huwa: (a) ikun sodisfatt li l-oggetti gew spezzjonati sew mill-Ufficjal li ghamel ir-rilaxx; (b) li gew hekk rilaxxati minnu; u li (iii) il-valur ta' dawk l-oggetti kien dikjarat sewwa;
- Ma ttiehdu ebda passi dixxiplinari jew inbdew l-ebda proceduri kontra xi Ufficjal tad-Dwana minhabba l-fatt li huwa ma ghamilx xoghlu sew jew li ma wettaqx l-inkarigu tieghu kif mitlub jew li wettaq offiza, ghalhekk isegwi li r-rilaxx ta' l-oggetti sar b'mod regolari u ma jistax jigi attakkat li tali rilaxx ma sarx sew;
- Il-Kontrollur kellu kull opportunità li jekk ma kienx sodisfatt mill-valur kif dikjarat minnha jaghmel il-verifiki w investigazzjonijiet necessarji waqt li l-oggetti kienu jinsabu prezentati ghandu u fi stadju meta l-elementi kienu jezistu kollha ghall-fini ta' verifika u mhux li jaghmel il-verifiki ulterjuri tieghu fi stadju meta l-istess oggetti gew rilaxxjati

w esportati minn Malta bil-konsegwenza li hemm l-impossibilità li ssir il-verifika ta’ l-istess oggetti;

- Id-drittijiet fondamentali taghha qed jigu lezi ghaliex ma tistax tiddefendi l-posizzjoni taghha meta l-oggetti thallew jigu rilaxxati mill-Kontrollur;
- Jista’ jaghti l-kaz li d-dazju li kellu jithallas minnha gie kalkolat hazin mill-Kontrollur peress illi ai termini tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-valur ta’ dazju fuq *shopping bags* huwa ta’ 5.8 u ghalhekk hemm lok ta’ revizjoni ‘l isfel tad-dazju li kellu jithallas minnha;
- Il-Kontrollur ma jistax ma jaqbilx mad-dikjarazzjoni maghmula minnha u dan ai termini ta’ l-Ewwel Artikolu tat-Tielet Skeda tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi illi *the customs value of imported goods shall be the transaction value, that is the price actually paid or payable for the goods when sold for export to Malta adjusted in accordance with the provisions of Article 8*. Dan huwa l-ewwel kejl li ghandu jintuza mill-Kontrollur biex jiddetermina l-valur ta’ merkanzija importata u mid-dokumentazzjoni esebita minnha ma ghandu jezisti l-ebda dubju dwar il-valur tal-merkanzija in kwistjoni kif minnha dikjarat u kif spezzjonat mill-Ufficjal li ghamel ir-rilaxx;
- In oltre ma tezisti l-ebda relazzjoni bejnha jew id-diretturi u/jew azzjonisti taghha u l-kumpanija minghand min akkwistat il-merkanzija in kwistjoni;
- Bil-mod kif agixxa l-Kontrollur hija effettivament giet michuda milli tipprevalixxi ruhha minn dak provdut fl-Artikolu 14 tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta’ Malta;
- Hija setghet tipprevalixxi ruhha minn dak provdut fl-Artikolu 17 tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta’ Malta peress illi n-negozju taghha kien jikkonsisti fl-importazzjoni ta’ merkanzija li kienet ser terga’ tigi ri-esportata minn Malta u l-ebda parti mill-merkanzija ma kienet se tinbiegh Malta. Kieku hija pprevaliet ruhha mill-Artikolu 17 tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta’ Malta ma kien jithallas l-ebda dazju da parte taghha.

Il-Kontrollur tad-Dwana jopponi ghat-talbiet tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess jigu michuda u minflok id-decizjoni tieghu kkonfermata stante li: (i) minn verifiki li saru minnu fir-rigward ta' *Certificate of Origin* li gie pprezentat mis-socjetà Rikorrenti ghall-fini ta'

importazzjoni ta' konsenja *plastic bags*, liema konsenja giet dikjarata ghall-valur ta' €4,000, irrizulta li mill-fattura pprezentata lill-awtoritajiet Cinizi ghall-fini tal-hrug ta' l-istess *Certificate of Origin* il-valur ta' dik il-konsenja kien ta' €34,000, ossia ghaxar darbiet iktar mill-valur dikjarat lid-Dwana Maltija bil-konsegwenti telf ta' dazju u *anti-dumping duty*; (ii) minn investigazzjoni ulterjuri li saret rrizulta wkoll li l-prezz internazzjonali tal-prodott in kwistjoni kull kilo jqarreb hafna lejn il-prezz kull kilo kif dikjarat fil-fattura bil-valur ta' €34,000; (iii) ghalkemm huwa minnu li l-merkanzija giet ezaminata minn Ufficjal tad-Dwana u konsegwentement rilaxxjata, il-kaz in ezami ma jittrattax il-merkanzija nfisha izda l-valur dikjarat ghall-istess merkanzija, liema valur jista' jigi verifikat mhux mill-Ufficjal tad-Dwana waqt ir-rilaxx izda minn investigazzjoni ta' dokumenti u tqabbil ma' prezzijiet ohra fis-suq u taxxi li jingabru dwar l-istess merkanzija kif ukoll investigazzjoni ma' awtoritajiet barranin. Ghalkemm il-merkanzija tigi ezaminata u rilaxxjata, dan ma jfissirx li jekk il-Kontrollur jiskopri informazzjoni ohra li tinnega l-verità tad-dokumenti esebiti huwa ma jkollux id-dritt jitlob il-hlas tat-taxxi dovuti; (iv) ghalkemm is-socjetà Rikorrenti hallset *anti-dumping duty* din kienet kalkolata fuq il-valur dikjarat u mhux fuq il-valur li in segwitu rrizulta lill-Kontrollur li kien ghola minn dak dikjarat mis-socjetà Rikorrenti; (v) ghalkemm il-valur tal-merkanzija li ghandha tiehu d-Dwana huwa l-valur skont kif regolat fit-Tielet Skeda tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta, izda dan il-valur irid ikun wiehed veritier u mhux ivvintat jew mahluq artificjalment. B'hekk f'dan il-kaz l-Artikolu 4(5) tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta mhux sodisfatt; (vi) biex jigi vverifikat dak affermat mis-socjetà Rikorrenti dwar hlasijiet u *bank transfers* ma huwiex bizzejjed li s-socjetà Rikorrenti turi *bank transactions* li jkopru l-ammonti in kwistjoni, imma jehtieg li turi l-*bank transactions* kollha li ghamlet peress illi hlasijiet ohra facilment setghu saru qabel jew wara d-data ta' l-importazzjoni jew saru tramite terzi; (vii) ir-rata ta' dazju dikjarata u li a bazi taghha sar il-hlas, ossia dazju bir-rata ta' 6.5% u *anti-dumping duty* bir-rata ta' 8.4%, kienet korretta u ma hemm l-ebda kalkolu 'l isfel x'jsir; (viii) l-Artikolu 14 tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta jhalli fid-diskrezzjoni tal-Kontrollur jekk iridx jutilizza l-poter moghti

lilu fl-istess artikolu u ma jitkellimx dwar drittijiet ta' l-importatur; u (ix) l-Artikolu 17 tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta’ Malta ma japplikax ghall-kaz in ezami stante li s-socjetà Rikorrenti kienet tuza sistema doganali msejha *Onward Supply Relief (42 procedure)* fejn jithallas biss dazju fil-mument meta l-merkanzija tasal Malta u t-taxxa fuq il-valur mizjud tithallas meta l-merkanzija eventwalment tintbaghat f’pajjiz iehor ta’ l-Unjoni Ewropea u tinbiegh hemm.

Fir-Risposta tieghu l-Kontrollur tad-Dwana jeccepixxi wkoll li meta gie notifikat bir-Rikors promotur huwa gie notifikat bir-Rikors biss u mhux ukoll bid-dokumenti annessi mieghu u ghalhekk jesigi li jigi notifikat b’dawn id-dokumenti. B’Digriet moghti fit-8 ta’ Frar 2011 it-Tribunal ordna lis-socjetà Rikorrenti sabiex fi zmien hmistax mid-data ta’ l-istess Digriet hija tipprovdi lill-Kontrollur tad-Dwana b’kopja tad-dokumentazzjoni kollha li giet minnha esebita flimkien mar-Rikors taghha. Il-Kontrollur tad-Dwana u in segwitu d-Direttur Generali (Dwana) ma pprotestax iktar dwar dan il-fatt u ghalhekk it-Tribunal jifhem li gie debitament notifikat bid-dokumentazzjoni in kwistjoni u ghaldaqstant ma ghandux ghalfejn jinoltra ruhu ulterjorment f’din il-kwistjoni peress illi jirrizulta li giet debitament risolta u b’hekk sorvolata.

Qabel ma jittratta l-mertu proprio ta’ dawn il-proceduri t-Tribunal jaghmel referenza ghall-fatt li b’Digriet moghti fl-20 ta’ Marzu 2012 fuq talba ta’ l-intimat giet awtorizzata korrezzjoni fir-Rikors promotur u fl-atti kollha ta’ dawn il-proceduri fis-sens illi l-Kontrollur tad-Dwana jigi indikat bhala l-Kummissarju tat-Taxxi u dana a tenur ta’ l-Att XXII ta’ l-2011 u ta' l-Avviz Legali 16 ta’ l-2012. Ai termini ta’ l-Artikolu 3(1) ta’ l-Att XXII ta’ l-2011 *ghandu jkun hemm Kummissarju tat-Taxxi li jkun il-kap tad-dipartimenti tat-taxxa u li jkun mahtur mill-Prim’ Ministru* u a tenur tas-subartikolu (3) ta’ l-imsemmi Artikolu tal-Ligi *mad-dhul fis-sehh ta’ dan l-Att u minkejja kull ligi ohra, il-funzjonijiet kollha vestiti fil-Kummissarju tat-Taxxi Interni, fil-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u fil-Kontrollur tad-Dwana taht l-atti tat-taxxa ghandhom jigu trasferiti lill-Kummissarju u jigu ezercitati minnu* b’dana li a tenur tas-

subartikolu (4)(a) ta' l-istess Artikolu tal-Ligi *il-Kummissarju jista', bi qbil bil-miktub tal-Ministru, jiddelega kull funzjoni taht dan l-Att jew taht l-atti tat-taxxa lil kull ufficjal tad-dipartimenti tat-taxxa*. A tenur tas-subartikolu (5) ta' l-imsemmi Artikolu tal-Ligi *l-Kummissarju ghandu jkollu r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern fid-dokumenti, atti gudizzjarji u azzjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-gbir ta' taxxa u ma' kull kwistjoni ohra li d-dipartiment tat-taxxa jkollhom interess fiha, kemm-il darba dik ir-rapprezentanza ma tkunx giet delegata skond is-subartikolu (4)*.

F'tali rigward it-Tribunal jaghmel referenza wkoll ghall-Ordni ta' Delega ta' Funzjonijiet relattiv ghall-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap. 517 tal-Ligijiet ta' Malta [l-Att XXII ta' l-2011], ippublikat fil-harga tal-Gazzetta ta-Gvern ta' l-20 ta' Lulju 2012, fejn jinghad illi *skond is-setghat moghtija mis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, il-Kummissarju tat-Taxxi bi qbil tal-Ministru responsabbli ghal finanzi, qieghed hawn jiddelega d-drittijiet, id-doveri, is-setghat u l-funzjonijiet, inkluza r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern moghtija lilu mis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 3 ta' l-imsemmi Att, hawn aktar 'il quddiem imsejhin "id-drittijiet", kif gej: (c) id-drittijiet taht l-Ordinanza tad-Dwana, l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni*[20]*, l-Att dwar Dazju tas-Sisa, u kull regolament maghmul tahtom, ghandhom ikunu vestiti fl-ufficjal li minn zmien ghal zmien jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali (Dwana). … Din l-Ordni u d-delegi maghmula tahtha ghandhom issehhu b'sehh mill-20 ta' Jannar 2012…* Mill-precitat Ordni johrog car ghalhekk li b'effett mill-20 ta' Jannar 2012, il-Kummissarju tat-Taxxi ddelega ir-rapprezentanza giudizzjarja vestita fih in kwantu rigwarda fost ohrajn dazji li ghandhom jingabru taht *inter alia* l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta, lid-Direttur Generali (Dwana). Ghalhekk l-interessi tal-Kummissarju tat-Taxxi fil-proceduri in ezami *qua* l-awtorità pubblika intimata, illum jinsabu vestiti fid-Direttur Generali (Dwana), b'dana li huwa d-Direttur Generali (Dwana) li ghandu jigi

[20] Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta.

ikkunsidrat bhala l-awtorità pubblika intimata minflok il-Kummissarju tat-Taxxi.

F'dan ir-rigward jigi ulterjorment osservat illi ai termini tar-Regolament 2 ta' l-Avviz Legali 173 ta' l-2012 – Regolamenti ta' l-2012 dwar l-Ekwivalenza ta' Certi Referenzi ghall-Karigi fid-Dipartimenti tat-Taxxa – *il-kliem imnizzel fl-ewwel Kolonna ta' l-iSkeda* [li tinkludi l-Kontrollur tad-Dwana] *ghandu, f'kull att gudizzjarju jew azzjoni giudizzjarja u f'kull kommunikazzjoni notifikata jew indirizzata lil xi dipartiment tat-taxxa u f'kull kommunikazzjoni mibghuta minn xi dipartiment tat-taxxa, jitqies li huwa ekwivalenti u li ghandu l-istess tifsira u effetti legali bhall-kliem imnizzel fl-istess partita fit-tieni Kolonna ta' l-iSkeda* [li tinkludi lid-Direttur Generali (Dwana)] *dan b'mod illi l-kliem uzat fiz-zewg kolonni ta' l-istess partita ghandu jkollu l-istess tifsira u effett ghall-finijiet kollha tal-Ligi.* B'hekk skond l-iSkeda ta' dawk ir-Regolamenti l-kliem jew ahjar titolu "Kontrollur tad-Dwana" huwa ekwivalenti ghat-titolu "Direttur Generali (Dwana)". Fil-kaz in ezami però kif iktar 'l fuq rilevat, b' Digriet moghti fl-20 ta' Marzu 2012 saret korrezzjoni fl-atti fis-sens illi t-titolu "Kontrollur tad-Dwana" gie sostitwit bit-titolu "Kummissarju tat-Taxxi", u dana fid-dawl ta' dak provdut fl-Att XXII ta' l-2011. Fid-dawl ta' tali korrezzjoni u nonostante dak provdut fir-Regolament 2 ta' l-Avviz Legali 173 ta' l-2012 dwar l-ekwivalenza ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi bejn it-titolu "Kontrollur tad-Dwana" u t-titolu "Direttur Generali (Dwana)", it-Tribunal hu tal-fehma li fil-kaz in ezami ghandha ssir korrezzjoni ulterjuri fl-okkju tal-proceduri fis-sens illi t-titolu "Kummissarju tat-Taxxi" jigi kkancellat u sostitwit bit-titolu "Direttur Generali (Dwana)", biex b'hekk l-okkju tal-proceduri jkun jirrifletti l-awtorità pubblika li attwalment hija l-awtorità intimata f'dawn il-proceduri.

Trattata din il-kwistjoni t-Tribunal se jghaddi issa biex jittratta l-mertu proprio ta' dawn il-proceduri u se jibda l-ewwel billi jindirizza l-aggravju tas-socjetà Rikorrenti fis-sens illi a tenur ta' l-Artikolu 4(5) tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta l-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), ma ghandux u ma jistax jitlob il-hlas ta' l-

ammont ta’ €60,726 minnu pretiz meta huwa: (a) ikun sodisfatt li l-oggetti gew spezzjonati sew mill-Ufficjal li ghamel ir-rilaxx; (b) li gew hekk rilaxxati minnu; u li (iii) il-valur ta’ dawk l-oggetti kien dikjarat sewwa. Dan l-aggravju jigbed mieghu tlett aggravji ohra avvanzati mis-socjetà Rikorrenti u cioè li: (i) ladarba ma ttiehdu ebda passi dixxiplinari jew inbdew l-ebda proceduri kontra xi Ufficjal tad-Dwana minhabba l-fatt li huwa ma ghamilx xoghlu sew jew li ma wettaqx l-inkarigu tieghu kif mitlub jew li wettaq offiza, isegwi li r-rilaxx ta’ l-oggetti sar b’mod regolari u ma jistax jigi attakkat li tali rilaxx ma sarx sew; (ii) il-Kontrollur kellu kull opportunità li jekk ma kienx sodisfatt mill-valur kif dikjarat minnha, jaghmel il-verifiki w investigazzjonijiet necessarji waqt li l-oggetti kienu jinsabu prezentati ghandu u fi stadju meta l-elementi kienu jezistu kollha ghall-fini ta’ verifika u mhux li jaghmel il-verifiki ulterjuri tieghu fi stadju meta l-istess oggetti gew rilaxxjati w esportati minn Malta bil-konsegwenza li hemm l-impossibilità li ssir il-verifika ta’ l-istess oggetti; u li (iii) id-drittijiet fondamentali taghha qed jigu lezi ghaliex ma tistax tiddefendi il-posizzjoni taghha meta l-oggetti thallew jigu rilaxxati mill-Kontrollur.

Fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet taghha s-socjetà Rikorrenti tissosstanzja dawn l-aggravji billi tikkontendi li fil-kaz in ezami jinsabu sodisfatti t-tlett kriterji elenkati fl-Artikolu 4(5) tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta’ Malta peress illi: (i) l-oggetti gew rilaxxati mill-Ufficjal li ghamel l-ispezzjoni u dan kif jidher mid-dokumenti minnha esebiti, u ghalhekk issa d-Dwana ma tistax tghid li mhux qed taccetta l-istima maghmula; (ii) id-dokumenti minnha esebiti u markati Dok. “B”[21] juru bic-car li l-oggetti gew spezzjonati sew mill-ufficjal li ghamel ir-rilaxx; u li (iii) il-valur minnha dikjarat huwa veru u sew ghaliex – *l-esponenti xtraw l-oggetti minghand l-kumpannija Full Dynamic Trading Limited registrata gewwa Hong Kong skond il-fatturi markati Dok. “C”[22]; l-esponenti hallsu l-istess fatturi permezz ta’ bank trasnfers kif jidher car fid-dokumenti immarkati Dok. “D”[23];*

---

[21] Ricevuti tad-Definitive payments effettwati mis-socjetà Rikorrenti fuq il-konsenji mertu tal-proceduri esebiti flimkien mad-dokumentazzjoni li tinsab a fol. 8 sa’ 249 tal-process.
[22] Esebiti flimkien mad-dokumentazzjoni li tinsab a fol. 8 sa’ 249 tal-process.
[23] *Ibid.*

*l-esponenti bieghu l-istess oggetti lill-kumpannija Pansak Limited registrata gewwa r-Renju Unit skond il-fatturi mmarkati Dok. "E"*[24]*; l-esponenti thallsu ta' l-istess fatturi permezz ta' bank trasnfers kif jidher car fid-dokumenti mmarkati Dok. "F"*[25]*.*

Hija in oltre tissottometti li *l-kliem 'dikjarat sewwa' ghandu jittiehed fis-sens li sar bis-solita procedura ghax jekk tinghata l-interpretazzjoni ta' correct amount seta' ma inkiteb xejn il-proviso. Illi ghalhekk huwa fatt stabilit li l-valur ta' dawk l-oggetti gie dikjarat sewwa kif jidher mill-fatturi u dikjarazzjonijiet kollha maghmula mir-rikorrenti li huma korretti u ppruvati, u ghalhekk ir-rikorrenti jissodisfaw it-tieni parti ta' l-Art. 4(5). Illi minbarra dan, l-esponenti jtennu li prova aktar cara li l-valur gie dikjarat sewwa huwa l-fatt li l-profitt taghhom jindika lil hinn minn kull dubju li l-valur huwa gust u dan peress li l-profitt huwa wiehed b'percentagg normali kif hija l-prassi w l-uzanza f'tali suq u kif jidher f'Dok. F. Illi mkien ma jirrizulta li fil-kaz in ezami, jew minn ta' l-anqas sa' fejn jafu l-esponenti, li ttiehdu xi passi dixxiplinari jew bdew xi proceduri kontra xi Ufficjal tad-Dwana minhabba li dan ma ghamilx xogholu sew jew li ma wettaqx l-inkarigu tieghu kif mitlbu jew li wettaq offiza. Ghalhekk isegwi li galadarba ma hemm l-ebda mic-cirkostanzi hawn imsemmija, ir-rilaxx ta' l-oggetti sar b'mod regolari u ma jistax jigi attakkat li tali rilaxx ma sarx sew. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, izda anzi in sostenn ulterjuri ta' din is-sottomissjoni, jigi rilevat dak li jistipula l-Art. 221 tal-Kap.337, ossia: Minghajr pregudizzju ghall-applikazzjoni tat-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 218(1), fejn isir uzu mill-possibilità provduta fis-subparagrafu ta' qabel, ir-rilaxx ta' l-oggetti mill-awtoritajiet tad-Dwana ghandu jkun ekwivalenti ghall-komunikazzjoni lid-debitur ta' l-ammont tad-dazju mdahhal fir-registri tal-kontijiet. Illi fuq kollox, l-intimat kellu kull opportunità li jekk ma kienx qed jaqbel mad-dikjarazzjoni in toto jew in parte, kif ghandu kull dritt li jaghmel il-verifiki li ghandu bzonn jaghmel u li jhoss li huma opportuni waqt li l-oggetti jinsabu prezentati ghandu. Illi f'dak il-waqt kienu jezistu l-elementi kollha sabiex jaghmel il-verifiki u kontrolli li huwa*

[24] *Ibid.*
[25] *Ibid.*

*hass li kellu bzonn jaghmel, u ma tezisti l-ebda cirkostanza li tiggustifika li f'dan l-istadju meta l-oggetti gew rilaxxati u esportati huwa jitlob li ssir xi verifika, li fl-ahhar mill-ahhar hija fl-impossibilità fizika li ssir verifika meta l-oggetti m'ghadhomx Malta. Illi in sostenn ta' dan l-argument wiehed jirriskontra dan ma' dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza Brian Valenzia noe v. Il-Kontrollur tad-Dwana et noe [1241/89] deciza fis-16 ta' Frar 2004 fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell qalet is-segwenti: "Fil-kaz tal-Kontrollur tad-Dwana l-obbligu ewlieni huwa dak li ma jippermettix li tidhol merkanzija gewwa Malta minghajr ma jithallas d-dazju ta' importazzjoni dovut fuq l-istess merkanzija. Dan l-obbligu l-Kontrollur jaqdieh permezz ta' l-ufficjali tieghu li ghandhom id-dmir li jzommu kontroll fuq il-movimenti tal-merkanzija li tigi importata u li, qabel ma tigi rilaxxata mid-depost, jassiguraw li kwalunkwe dazju fuq dik il-merkanzija jkun gie sodisfatt." Illi ulterjorment ir-rikorrenti tissottometti li d-drittijiet fundamentali taghha qed jigu lezi peress li ma tista' qatt tiddefendi l-posizzjoni taghha meta l-oggetti thallew jigu rilaxxati mill-Kontrollur tad-Dwana.*

Id-Direttur Generali (Dwana), già Kontrollur tad-Dwana, jikkontesta din il-pretensjoni tas-socjetà Rikorrenti u jirribatti li *huwa pertinenti li f'dan il-kuntest jigi iccarat kif topera d-Dwana f'kaz ta' importazzjoni ta' merkanzija. Ghandu jinghad li sabiex id-Dwana tiffacilità l-kummerc u tghin lin-negozjanti biex il-merkanzija tigi rilaxxata lilhom fl-inqas hin possibbli u dan bil-ghanmli tagevola l-operat kummercjali taghhom, id-Dwana tutilizza sistema ta' risk assessment ibbazata fuq diversi parametri inkluz id-dikjarazzjoni dikjarata lilha mill-importatur jew l-agent tieghu. Fl-istadju li jmiss ta' l-ipprocessar tad-dikjarazzjoni doganali, l-ufficjali tad-Dwana iqabblu l-fatturi u d-dokumenti li jkunu gew sottomessi mill-importatur stess jew l-agent tieghu, f'dan il-kaz mill-kumpannija Jet Services Limited. Dan isir sabiex jigi stabbilit il-kalkolu ta' dazji li jkunu dovuti fuq dik il-merkanzija dejjem a bazi tad-dikjarazzjoni u d-dokumenti pprezentati mill-importatur jew l-agent tieghu. Diment li d-dikjarazzjoni pprezentata mill-importatur jew l-agent tieghu tidher prima facie regolari, bhal ma kienet tidher fil-kaz odjern, id-Dwana tipprocedi*

*sabiex tirrilaxxa l-merkanzija skont il-procedura li tkun intalbet. Fil-fatt, fil-kaz odjern jirrizulta li l-importatur ghazel li jqieghed l-importazzjonijiet taht il-procedura maghrufa bhala onward supply relief u cioe procedura fejn l-importatur jaghzel li jhallas id-dazji ta' importazzjoni u fl-istess hin jigi ezentat mill-hlas tal-VAT fuq l-importazzjoni peress li l-merkanzija kienet se tigi trasferita lil terz gewwa stat membru iehor. Effettivament, meta l-merkanzija tidhol f'Malta, l-ufficcjali tad-Dwana permezz tad-dikjarazzjoni jkunu f'posizzjoni li, jekk ikun il-kaz, jivverifikaw dawk l-aspetti vizibbli tal-merkanzija cioè il-klassifikazzjoni doganali imqabbla mal-merkanzija importata u mal-kwantità. Fil-fatt dawn l-ufficjali koncernati jaccertaw jekk prima facie l-oggetti kif dikjarati fuq id-dikjarazzjoni tad-Dwana ghal dik l-importazzjoni specifika, jidhrux in regola. Ghandu jigi iccarat f'dan il-kuntest li t-terminu 'exhausted' jew 'definitive payment' li tant qed tishaq fuqu l-kumpannija rikorrenti mhu xejn hlief indikazzjoni li l-pagament a bazi tal-fatturi u dikjarazzjoni doganali relattiva ghadda fizikament ghand id-Dwana u certament dan il-hlas bl-ebda mod ma jista jitqies li l-esponent qed jippregudika jew addirittura icedi kull dritt li jaghti l-Kap.337 f'kaz ta' omissjoni jew sottovalutazzjoni da parte ta' l-imporatur jew l-agent tieghu. L-esponent jirribatti li d-drittijiet u l-obbligi tad-Dwana ma jieqfux hawn u ikun ghad baqa' stadju impenjattiv ghad-Dwana u cioè l-istadju tal-verifikazzjoni f'kazijiet, fejn bhal fil-kaz odjern id-Dwana talbet u sussegwentement irceviet informazzjoni minghand l-awtoritajiet kompetenti Cinizi u dan wara r-rilaxx tal-merkanziji relattivi. ... ghandu jinghad ukoll li bhal fil-kaz odjern, fatti ohrajn importanti li jkunu jirrelataw mal-merkanzija in kwistjoni però li ma jkunux evidenti waqt ir-rilaxx, jigu skoperti wara li tkun rilaxxata l-merkanzija. L-esponent jirrileva li malli l-awtoritatjiet tad-Dwana jigu a konjizzjoni ta' xi informazzjoni pertinenti ghall-importazzjoni relattiva li ma tkunx giet dikjarata qabel ir-rilaxx ta' tali importazzjoni, l-esponent ghandu l-obbligu li jinvestiga biex jara li l-importazzjoni tkun saret kif titlob il-ligi doganali u konsegwentement jesigi li l-ammont dovut lill-erarju Malti u dak ta' l-Unjoni Ewropeja, ikunu salvagwardjat. F'kaz li jigi skoperat li l-importatur issottovaluta l-valur reali tal-merkanzija, bhal fil-kaz*

*odjern, dan jintalab ihallas it-taxxi dovuti li jirrizultaw minn din id-diskrepanza bejn dak li jkun originarjament dikjarat u dak li jirrizulta wara li tigi skoperta xi mankanza fid-dikjarazzjoni. ... Illi fir-rigward ta' l-argument tal-kumpannija rikorrenti ISP li ladarba gie rilaxxat ix-xoghol allura d-Dwana m'ghandhiex jedd li titlob ammonti ulterjuri ta' dazju fir-rigward ta' l-istess importazzjonijiet, l-esponent jirribatti li l-Artikolu 218(1) tal-Kap.337 jipprovdi b'mod car li meta ssir dikjarazzjoni lid-Dwana mill-importatur u sussegwentement jirrizulta li hemm bilanc dovut lid-Dwana minhabba xi mankanza jew addirittura sottovalutazzjoni fid-dikjarazzjoni ta' l-istess importatur, dan il-bilanc jiskatta fil-mument li d-Dwana tigi a konjizzjoni tal-fatt li l-valur iddikjarati mill-importatur ma kienux veritieri. Fil-fatt il-ligi tipprovdi li: "Fejn dejn tad-Dwana jigi dovut bhala rizultat ta' l-accettazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-oggetti ghall-procedura tad-Dwana ghajr dik ta' importazzjoni temporanja b'solliev parzjali mid-dazji fuq l-importazzjoni jew kull att iehor li jkollu l-istess effett legali bhal din l-accettazzjoni, l-ammont korrispondenti ghal dan id-dejn tad-Dwana ghandu jiddahhal fir-registri tal-kontijiet hekk kif jigi kalkolat u mhux iktar tard mit-tieni jum wara dak li fih l-oggetti kienu gew rilaxxjati*.

Wara li t-Tribunal ra u kkonsidra d-dispossizjonijiet ta' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta, fosthom naturalment l-Artikolu 4(5) ta' l-imsemmij Att, huwa jinsab tal-fehma li dan l-aggravju tas-socjetà Rikorrenti bbazat fuq l-imsemmi artikolu tal-Ligi huwa insostenibbli in kwantu bbazat fuq interpretazzjoni zbaljata ta' artikolu u ta' l-obbligi tal-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), nascenti appuntu mill-kariga li jkopri.

L-Artikolu 4 tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta jittratta dwar dazji li ghandhom jintalbu u jingabru mill-Kummissarju u fis-subartikolu (5) jipprovdi li: *fejn xi dazji ta' importazzjoni li jridu jithallsu fuq oggetti taht dan l-artikolu ma jkunux gew migbura, l-ammont li jkun ghadu jrid jithallas ghandu jibqa' dovut ghal perijodu ta' sitt snin mill-punt ta' taxxa kif definit fl-Artikolu 12A ta' dan l-Att u l-Kummissarju jkollu dritt li jitlob il-hlas ta' dak l-ammont matul il-perijodu*

*imsemmi: Izda minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, il-Kummissarju m'ghandux jitlob il-hlas ta' dak l-ammont meta huwa jkun sodisfatt li l-oggetti gew spezzjonati sew mill-ufficjal li ghamel ir-rilaxx u li gew hekk rilaxxati minnu u li il-valur ta' dawk l-oggetti kien dikjarat sewwa*. Dan l-Artikolu tal-Ligi u l-*proviso* ghall-istess ma ghandhomx jinqraw u jigu kkunsidrati wahdehom, kif pretiz mis-socjetà Rikorrenti, izda ghandhom jinqraw u jigu kkunsidrati fid-dawl tal-provvedimenti l-ohra tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta minn liema appuntu jirrizulta li d-Direttur Generali (Dwana) ma jistax jigi leggerment ipprojbit milli jaghmel investigazzjonijiet u verifiki li jistghu jirrizultawlu necessarji dwar merkanzija importata hawn Malta wara li din tkun giet minnu rilaxxata.

In effetti a tenur ta' l-Artikolu 78 tas-Sezzjoni I C tat-Tieni Kapitolu tat-Titolu IV tar-Raba' Skeda tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kodici tad-Dwana, li appuntu jittratta dwar l-ezami tad-dikjarazzjonijiet wara l-izdoganar: *L-awtoritatjiet tad-Dwana jistghu jemendaw id-dikjarazzjoni wara r-rilaxx ta' l-oggetti fuq inizjattiva taghhom jew fuq talba tad-dikjarant. L-awtortitajiet tad-Dwana jisthgu, wara r-rilaxx ta' l-oggetti u sabiex ikunu sodisfatti dwar l-ezatezza tal-partikolaritajiet li jkunu jinsabu fid-dikjarazzjoni jispezzjonaw id-dokumenti kummercjali u d-'data' li jkollhom x'jaqsmu ma' l-operati ta' l-importazzjoni jew l-esportazzjoni rigward l-oggetti involuti jew ghal operati kummercjali sussegwenti fejn huma involuti dawn l-oggetti. Dawn l-ispezzjonijiet jistghu jsiru fil-fond tad-dikjarant, ta' kull persuna direttament jew indirettament imdahhla fl-operati imsemmija b'kapacità kummercjali jew ta' kull persuna ohra li jkollha f'idejha d-dokument u d-'data' imsemmija ghal ghanijiet kummercjali. Dawk l-awtoritajiet jistghu wkoll jezaminaw l-oggetti fejn ikun ghadu possibbli li jingiebu. Fejn ir-revizjoni tad-dikjarazzjoni jew l-ezami wara l-izdoganar jindikaw li d-disposizzjonijiet li jirregolaw il-procedura tad-Dwana koncernata ikunu gew applikati fuq il-bazi ta' taghrif skorrett jew inkomplet, l-awtoritajiet tad-Dwana ghandhom, skont id-disposizzjonijiet stabbiliti, jiehdu l-mizuri mehtiega sabiex jirregolarizzaw is-sitwazzjoni, fid-*

*dawl tat-taghrif gdid li jkollhom f'idejhom. Meta jkun mehtieg illi ufficjali minn Dipartimenti ohra tal-Gvern jiehdu sehem fl-ispezzjonijiet ta' wara l-izdoganar id-disposizzjonijiet ta' din it-taqsima ghandhom japplikaw ukoll ghal dawn l-ufficjali.*

Minn dan l-artikolu tohrog ferm cara s-setgha tad-Direttur Generali (Dwana) li **wara r-rilaxx ta' l-oggetti ghall-fini li jkun sodisfatt dwar l-ezattezza tal-partikolaritajiet li jkunu jinsabu fid-dikjarazzjoni doganali** jispezzjona u jivverifika d-dokumenti kummercjali u 'data' ohra relattiva ma' l-operat ta' l-importazzjoni jew esportazzjoni, skond il-kaz, ta' l-oggetti involuti jew ta' operat kummercjali sussegwenti rigwardanti l-istess oggetti. Dan ifisser ghalhekk li l-argumentazzjonijiet kollha sollevati mis-socjetà Rikorrenti kontra l-agir u konsegwenti decizjoni tal-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), in kwantu bbazati fuq il-fatt li l-konsenji ta' *plastic bags* in kwistjoni gew rilaxxati wara li gew spezzjonati minn Ufficjal tad-Dwana – inkluz l-argument li ladarba ma ttiehdu ebda forma ta' proceduri kontra l-Ufficjal tad-Dwana li rrilaxxa tali konsenji wara li spezzjonhom – huma kollha guridikament zbaljati u bhala tali ghal kollox insostenibbli. Apparte minn hekk, ghalkemm is-socjetà Rikorrenti tinsisti li l-Kontrollur tad-Dwana ma setghax jimxi bil-mod kif mexa wara li giet rilaxxata u ri-esportata l-merkanzija in kwistjoni, in verità tali argument huwa al quanto irrilevanti fil-kuntest tal-kaz in ezami ghar-raguni li f'dan il-kaz il-qofol ta' kollox jiccentra madwar il-**valur tal-merkanzija** kif rizultanti mid-dokumentazzjoni u mhux dwar il-kwantità jew klassifikazzjoni ta' l-istess merkanzija fejn allura spezzjoni viziva tal-**merkanzija *per se*** kienet tkun possibiliment necessarja u mehtiega.

Apparte l-precitat Artikolu 78, huwa necessarju li ssir referenza wkoll ghall-Artikolu 36A(1) tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li *d-disposizzjonijiet tal-Kodici tad-Dwana li hemm fir-Raba' Skeda ghandhom japplikaw ghal dak kollu li jinsab fiha minkejja kull haga kuntrarja li hemm fl-Att jew f'xi ligi ohra* u ghall-Artikolu 14 tat-Tielet Skeda tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta liema Skeda tittratta dwar *Rules and Notes on Customs Valuation*, li

jipprovdi li *nothing in this Schedule shall be construed as restricting or calling into question the rights of customs administrations to satisfy themselves as to the truth or accuracy of any statement, document or declaration presented for customs valuation purposes.*

Dan l-ahhar artikolu appena citat, ossia l-Artikolu 14 tat-Tielet Skeda tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta, jindirizza wkoll l-aggravju tas-socjetà Rikorrenti li l-Kontrollur ma jistax ma jaqbilx mad-dikjarazzjoni maghmula minnha u dan ai termini ta' l-Ewwel Artikolu tat-Tielet Skeda tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi *the customs value of imported goods shall be the transaction value, that is the price actually paid or payable for the goods when sold for export to Malta adjusted in accordance with the provisions of Article 8*. Dan huwa l-ewwel kejl li ghandu jintuza mill-Kontrollur biex jiddetermina l-valur ta' merkanzija importata u mid-dokumentazzjoni esebita minnha ma ghandu jezisti l-ebda dubju dwar il-valur tal-merkanzija in kwistjoni kif minnha dikjarat u kif spezzjonat mill-Ufficjal li ghamel ir-rilaxx u li in oltre ma tezisti l-ebda relazzjoni bejnha jew id-diretturi u/jew azzjonisti taghha u l-kumpanija minghand min akkwistat il-merkanzija in kwistjoni. F'dan il-kaz ukoll jigi ribadit li s-socjetà Rikorrenti ma tistax tippretendi li kwalunkwe provvediment tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta jigi applikat b'mod izolat u awtonomu mill-provvedimenti l-ohra ta' l-istess Kapitolu tal-Ligi li, kif già osservat, kjarament jaghtu lid-Direttur Generali (Dwana) u lill-Kontrollur tad-Dwana qablu s-setgha li jaghmel l-investigazzjonijiet u verifiki mehtiega *to satisfy themselves as to the truth or accuracy of any statement, document or declaration presented for customs valuation purposes.*

Is-socjetà Rikorrenti tikkontendi wkoll li parti minn dak provdut fl-Artikolu 221(2) tal-Kapitolu 3 Taqsima 1 tat-Titolu VII tar-Raba' Skeda tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta wkoll jissosstanza t-tezi taghha li wara r-rilaxx tal-merkanzija mid-Dwana l-Kontrollur, illum Direttur Generali (Dwana), ma jistax jikkontesta dak ir-rilaxx u d-dazju minnu migbur, izda t-Tribunal f'dan il-kaz ukoll ma jaqbilx mal-mod kif is-socjetà Rikorrenti timposta l-argument

taghha u tinterpreta l-istess provvediment tal-Ligi. Jibda biex jinghad li l-imsemmi provvediment tal-Ligi ma ghandux jigi kkunsidrat b'mod izolat izda jrid jigi kkunsidrat fil-kuntest intier ta' l-Artikolu 221 kif ukoll fid-dawl ta' provvedimenti ohra tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta. Dak provdut fl-imsemmi Artikolu tal-Ligi dwar dak li ghandu jitqies bhala l-ammont ta' dazju mdahhal fir-registri tad-Dwana bl-ebda mod ma jista' jinftiehem li jfisser illi l-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), huwa prekluz milli jinvestiga ulterjorment dwar konsenja/konsenji partikolari importati f'Malta skond kif provdut fl-Artikolu 78 tas-Sezzjoni I C tat-Tieni Kapitolu tat-Titolu IV tar-Raba' Skeda tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta, hawn appena citat.

Ghaldaqstant kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà Rikorrenti l-Artikolu 4(5) tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta u b'mod partikolari l-*proviso* ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi, ma jistax jigi interpretat u konsegwentement applikat fis-sens illi l-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), huwa prekluz milli jinvestiga u jivverifika l-ezatezza tal-partikolaritajiet li jkunu jinsabu fid-dikjarazzjoni ta' l-importazzjoni specjalment meta jkollu informazzjoni li dawk id-dikjarazzjonijiet ma jkunux korretti, u kemm-il darba lill-Kontrollur jirrizultalu li kien hemm sottovalutar tal-merkanzija importata huwa bil-Ligi obbligat li jagixxi fil-konfront ta' l-importatur dikjarant. Ghalhekk kif gustament eccepit u osservat mid-Direttur Generali (Dwana) l-Artikolu 4(5) tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta, u senjatament il-*proviso* ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi, ma jsibx applikazzjoni fil-kaz in ezami.

Is-socjetà Rikorrenti, permezz ta' aggravji ulterjuri sollevati minnha, tinvoka disposizzjonijiet ohra tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkontendi li minhabba l-agir tal-Kontrollur tad-Dwana hija giet prekluza milli tibbenefika minn dak fihom dispost. Dawn il-provvedimenti huma l-Artikolu 14 u l-Artikolu 17 tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta, liema provvedimenti però skond id-Direttur Generali (Dwana) huma ghal kollox irrilevanti fil-kuntest tal-kaz in ezami u ghaldaqstant kompletament inapplikabbli ghalih.

L-Artikolu 14 tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta jittratta dwar is-setgha tal-Kummissarju li jiehu l-oggetti bil-hlas tal-valur iddikjarat jew li jithallas tad-dazju mill-oggetti f'kaz illi l-Kummissarju ikollu ragun jahseb li l-valur dikjarat mill-importatur jew mir-rapprezentant tieghu mhux bizzejjed. Kif gustament osservat mid-Direttur Generali (Dwana) din hija setgha u ghazla diskrezzjonali moghtija lill-Kummissarju u mhux xelta moghtija lill-importatutr u fi kwalunkwe kaz l-imsemmi artikolu ma jippreskludix lill-Kummissarju milli jitlob il-hlas tad-dazju fuq l-oggetti, kif fil-fatt qed isir fil-kaz in ezami, anzi hija wahda miz-zewg opzjonijiet li ghandu a disposizzjoni tieghu. B'hekk is-socjetà Rikorrenti ma hijiex korretta meta fir-Rikors promotur tikkontendi li *minhabba li l-Kontrollur tad-Dwana hu sodisfatt li l-oggetti gew spezzjonati sew mill-ufficjal li ghamel ir-rilaxx u li gew hekk rilaxxati minnu u li l-valur ta' dawk l-oggetti kien dikjarat sewwa, u ghalhekk l-oggetti regghu gew esportati, mhux qed jaghti lill-istess rikorrenti li dawn jipprevalixxu ruhhom ai termini ta' l-Art.14 tal-Kap.337 u dan minhabba li l-istess Kontrollur tad-Dwana kien sodisfatt bil-valur dikjarat*, izda huwa korrett id-Direttur Generali (Dwana) meta jikkontendi li dan il-provvediment tal-Ligi ma jaghti ebda drittijiet lill-importatur u b'hekk ma jistax jippretendi li jinvokah favur tieghu.

L-Artikolu 17 tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta, ukoll invokat mis-socjetà Rikorrenti in sostenn tal-posizzjoni taghha, jittratta dwar **il-helsien ta' oggetti importati ghal uzu temporanju** w in effetti s-subartikolu (1) jipprovdi li *bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 30* [li jittratta dwar disposizzjonijiet specjali ghal importazzjoni temporanja ta' hwejjeg mahsuba ghal processar industrijali, li ma huwiex il-kaz fil-kaz in ezami] *ta' dan l-Att, kull oggett jista', bil-permess tal-Kummissarju, jingieb f'Malta jew jinhareg mid-depost bla hlas ta' dazju fuqu, jekk il-Kummissarju jkun sodisfatt li dawk l-oggetti jkunu ingiebu f'Malta jew inhargu mid-depost ghall-uzu temporanju biss*. Fid-dawl tan-negozju tas-socjetà Rikorrenti fir-rigward ta' dawn il-konsenji ta' *plastic bags* kif deskritt minn Olvin Galea, Direttur ta' l-imsemmija socjetà, it-Tribunal ma jistax jifhem kif l-istess socjetà tippretendi li setghet b'xi mod tikkwalifika taht dak provdut fl-imsemmi Artikolu tal-Ligi.

Waqt is-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2011[26] Olvin Galea ddikjara li *madwar zewg jew tliet snin ilu gejt avvicinat biex ikun jista' jsir xoghol ta' logistika hawn Malta fir-rigward ta' plastic bags. Meta jiena gejt avvicinat b'din il-proposta kont mort tkellimt mad-Dwana biex nara setghax isir u x'kien hemm bzonn li jsir u jiena f'dan il-kaz partikolari kont kellimt lis-Sur Pawl Bonello. Ix-xoghol li kellu jsir fir-rigward ta' dan il-post kien li jigu importati hawn Malta, is-socjetà ISP Limited kellha tistorja dawn l-istess basktijiet imbaghad terga' tesportahom fl-Ewropa. Fil-fatt is-socjetà kienet inholqot madwar zewg jew tliet snin ilu proprju ghall-fini ta' dan in-negozju. Meta mort kellimt lis-Sur Pawl Bonello qabel giet stabbilita kienet li kollox kellu jinhadem tramite s-shipping shed tad-Dwana sabiex ikun hemm kontroll assolut fuq kemm basktijiet jidhlu u kemm johorgu ghaliex kif spjegat* ***dawn il-basktijiet ma kienux ghall-uzu lokali***[27]*. ... Fir-rigward ta' VAT konna ilhaqna ftehim mad-Dwana illi nuzaw sistema li kienet tissejjah onward supply relief jigifieri VAT ma tithallasx ghar-raguni li kif spjegat li* ***dawn il-plastic bags kienu kollha ghall-exportation***[28]. Fid-dawl ta' din ix-xhieda t-Tribunal jirribadixxi li s-socjetà Rikorrenti llum ma tistax tikkontendi u tippretendi li setghet b'xi mod tipprevalixxi ruhha minn dak dispost fl-Artikolu 17 tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk huwa ghal kollox korrett id-Direttur Generali (Dwana) meta jikkontendi li tali artikolu huwa ghal kollox irrilevanti u konsegwentement inapplikabbli ghall-kaz in ezami.

Trattati dawn l-aggravji t-Tribunal ser jghaddi biex jittratta l-qofol tal-kaz in ezami u cioè il-kwistjoni dwar il-**valur** tal-konsenji ta' *plastic bags* importati mis-socjetà Rikorrenti, li huwa dak l-element a bazi ta' liema jigu kalkolati d-dazju u l-*anti-dumping duty* dovuti lid-Dwana.

Fir-rigward ser jigu trattati l-ewwel is-segwenti zewg aggravji sollevati mis-socjetà Rikorrenti, u cioè li l-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), ghandu l-obbligu legali li jgib prova ta' l-allegazzjoni tieghu

---

[26] Fol. 265 sa' 270 tal-Ligijiet ta' Malta.
[27] Enfasi tat-Tribunal.
[28] Enfasi tat-Tribunal.

fil-konfront taghha u huwa biss wara li tali allegazzjoni tigi stabbilita b'mod car u spjegat fid-dettal illi hija twiegeb lura u tirribatti ghall-istess allegazzjoni, u li s-socjetà Rikorrenti ma ghandhiex gharfien ghal liema ragunijiet il-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), qieghed jaghti valur differenti minn dak minnha dikjarat u ghalhekk jinkombi fuqu li jaghti spjegazzjoni cara tar-ragunijiet in bazi ghal liema wasal ghall-kalkolu tieghu u dana skond l-Ewwel Artikolu (2)(a) tat-Tielet Skeda tal-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jibda biex jigi osservat li kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà Rikorrenti fil-kamp tal-Ligi Amministrattiva huwa principju assodat li *where the validity of an administrative act or order is attacked, the incidence of the burden of proof may vary with the circumstances. The burden of proof naturally lies in the first instance upon the plaintiff or complainant. Whether he can transfer it to the defendant public authority depends upon the nature of the act. If the act is one which in the absence of statutory power would be a trespass or other wrongful injury, the plaintiff has only to prove the facts which would constitute the wrong and the burden of proof then passes to the public authority, which has to show justification. ... Where, on the other hand, the administrative act is some decision or order which in itself inflicts no legal wrong, the complainant's task will be to raise a prima facie case of irregularity, and the burden of proof lies upon him. This is equally so where there is an invasion of his liberty or property but he alleges not that the statutory conditions are not satisfied but that there is some ulterior defect, for example bad faith. It has often been laid down that the onus of proof rests upon the party alleging invalidity. In other words, there is a presumption that the decision or order is properly and validly made, a presumption sometimes expressed in the maxim omnia praesumuntur rite esse acts. The House of Lords has more recently approved an earlier version of this rules: In the absence of any proof to the contrary, credit ought to be given to public officers, who have acted prima facie within the limits of their authority, for having done so with honesty and*

*discretion*[29]*. Judges have likewise spoken of "the clearly established presumption that statutory duties are duly and properly performed. An administrative authority cannot therefore be put to proof of the facts or conditions on which the validity of its order must depend, unless the party attacking it can produce evidence which will shift the burden of proof off his own shoulders. How much evidence is required for this purpose will always depend upon the nature of the case. If an order has an apparent fault on its face, the burden is easily transferred. But if the grounds of attack are bad faith or unreasonableness, the plaintiff's task is heavier. So it is also where the authority must be satisfied of something or form some opinion. If no evidence to the contrary is offered, it will be presumed in favour of the authority that it was duly satisfied or of opinion accordingly. Likewise where tax commissioners were empowered to require 'such particulars as they think necessary' but gave no supporting evidence beyond affirming that they did so think, their order was upheld in the absence of positive evidence from the taxpayer that their wide powers had been in any way abused*[30].

Fid-dawl ta' dan ghalhekk ladarba s-socjetà Rikorrenti qed tikkontesta d-decizjoni tal-Kontrollur tad-Dwana fil-konfront taghha u tikkontendi li l-istess Kontrollur ma jistax fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jikkontesta l-valur tal-konsenji ta' *plastic bags* minnha dikjarat ma' l-importazzjoni ta' l-istess f'Malta, ma hemmx dubju li l-oneru tal-prova ta' dak minnha affermat in opposizzjoni u kontestazzjoni ghal dik id-decizjoni jinkombi primarjament fuqha.

Is-socjetà Rikorrenti tikkontendi wkoll li ma ghandhiex gharfien ghal liema ragunijiet il-Kontrollur tad-Dwana qieghed jaghti valur differenti minn dak minnha dikjarat, izda mix-xhieda moghtija kemm mill-Avukat Dottor David Farrugia Sacco kif ukoll minn Olvin Galea, entrambe Diretturi tas-socjetà Rikorrenti, jirrizulta b'mod car li huma jafu li l-kaz odjern skatta u jsib ir-raguni primarja tieghu fil-

---

[29] Earl of Derby v. Bury Improvement Commissioners (1869) LR 4 Exch. 222, approved in R. v. Inland Revenue Commissioners ex p. T. C. Coombs & Co. 919910 2 AC 283.

[30] Administrative Law, H.W.R.W Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pagni 247 sa' 248.

fatt li f'certu zmien il-Kontrollur tad-Dwana gie fil-pussess ta' fattura relattiva ghal konsenja ta' *plastic bags* importati mis-socjetà Rikorrenti li kienet turi li l-valur ta' dik il-konsenja kien ferm oghla mill-valur dikjarat minnha ma' l-importazzjoni.

In effetti waqt ix-xhieda li ta fis-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2011[31] Olvin Galea iddikjara li *darba minnhom kienu baghtu ghalija tad-Dwana u infurmawni li kien hemm problema. Kienu sabu invoice intestata lil Jet Services Limited u mhux lis-socjetà rikorrenti u l-valur dikjarat fiha kien differenti minn dak dikjarat minn ISP fid-dokumentazzjoni li rceviet. Din l-invoice indirizzata lil Jet Services kienet tirreferi ghal container partikolari ta' merkanzija li giet importata mis-socjetà rikorrenti. Dan id-dokument mhuwiex fil-pussess tieghi. Kien u baqa' fil-pussess tad-Dwana, madanakollu urewhuli. Ghalkemm qed nghid li tirreferi ghall-container li kien impurtat mill-ISP nghid li ma kontx ezattament iccekjat il-valuri u l-informazzjoni kollha li kien hemm fuqha. Dan id-dokument ghalkemm qed jaghmel referenza ghalih bhala invoice lanqas irrid nghid li huwa invoice ghax fil-fatt m'ghandu l-ebda bank details fuqu; kull ma kien hemm fuqu huwa l-persuna lil min kien indirizzat jigifieri Jet Services Limited. Dan id-dokument nikkonferma li kien jirreferi ghal container number li rceviet is-socjetà rikorrenti. ... Il-valur indikat fuq dan id-dokument kien ferm aktar mill-valur li ahna konna bieghhejna l-prodotti li dahlu f'dak il-container. Fil-fatt meta jkunu valuri kbar hekk is-socjetà lanqas biss tinnegozja fihom ghax ma jiguhiex worth it. Min-naha tad-Dwana kienu qalulna li biex inkunu nistghu nibqghu nahdmu kellna nhallsu t-taxxa fuq dak il-valur u jiena ghedtilhom li ghas-socjetà ma kienx jaghmel sens u tant hu hekk li kien hemm containers li kellhom jigu rilaxxati a bazi ta' dan il-pagament li baqghu hemmhekk*, u waqt is-seduta tad-29 ta' Settembru 2011[32] l-Avukat Dottor David Farrugia Sacco xehed illi *l-Kontrollur tad-Dwana rigward fattura partikolari li kienet tirreferi ghal container wiehed ... kien qalli li kellu invoice illi kienet taqbel bhala numru ta' fattura, ma' invoice li kienet tatu l-*

[31] Fol. 265 sa' 270 tal-process.
[32] Fol. 298 sa' 300 tal-process.

*ISP Limited izda din l-invoice kienet intestata lil Jet Services Limited u mhux lil ISP Limited. ... Lill-Kontrollur tad-Dwana madanakollu kont gbidtlu l-attenzjoni illi fuq din il-fattura ma kienx hemm dettalji bankarji, timbru jew firem ta' persuni minn min harget dik l-istess fattura. Kont ukoll ghedtlu li dik il-fattura kienet tidher li ma kienetx wahda veritiera. Jiena qed nghid li x'aktarx din il-fattura ma kienetx veritiera ghar-raguni li l-format taghha kien skimpy hafna, ma kienx hemm dettalji bankarji fejn wiehed seta' jhallas, ma kien hemm l-ebda forma ta' timbru li juri li hija fattura originali u ma kien fiha dettalji prattikament ta' xejn u partikolarment ghalija ma kienetx veritiera billi ma kienet iffirmata minn hadd. Jiena lill-Kontrollur tad-Dwana kont ghedtlu li huwa ma kellu assolutament xejn xi jzommu milli jaghmel spezzjonijiet ulterjuri tal-konsenja partikolari.*

Fil-fehma tat-Tribunal ladarba s-socjetà Rikorrenti tramite d-Diretturi taghha jidher li imminimizzat l-informazzjoni li l-Kontrollur tad-Dwana fil-konfront taghha billi strahet u sahqet fuq l-affermazzjoni li l-fattura li l-Kontrollur kellu fil-pussess tieghu ma kenitx veritiera, ma tistax illum tippretendi li targumenta b'success illi ma ghandhiex gharfien ghal liema ragunijiet il-Kontrollur qieghed jaghti valur differenti minn dak minnha dikjarat. Tul is-smigh ta' dawn il-proceduri s-socjetà Rikorrenti baqghet tishaq li l-fattura li l-Kontrollur tad-Dwana kien wera lid-Diretturi taghha ma hijiex veritiera u li ghalhekk id-decizjoni li huwa ha fil-konfront taghha ma tistax tregi izda, mill-provi prodotti mill-istess Kontrollur, illum Direttur Generali (Dwana), jirrizulta bl-iktar mod car li d-decizjoni notifikata lis-socjetà Rikorrenti bl-ittra datata 24 ta' Settembru 2010 hija ibbazata fuq **investigazzjoni estensiva** li ghamel il-Kontrollur tramite Saviour Grima, Principal fis-Sezzjoni tal-Customs Economic Procedures Unit, u John Camilleri, Assistent Direttur fid-Dipartiment tad-Dwana, fir-rigward ta' *Certificates of Origin* relattivi ghall-konsenji importati mis-socjetà Rikorrenti, liema Certifikati gew lilhom provduti mill-istess socjetà Rikorrenti.

In effetti Saviour Grima ddikjara li *fit-12 ta' Marzu 2009 jiena baghat rikjesta ghall-verifikazzjoni lill-awtorità kompetenti Ciniza responsabbli minn dawn ic-certifikati u*

*cioè lil Shandong Entry-Exit Inspection and Quarantine Bureau, ... flimkien mac-certifikat maghruf bhala "Certificate of Origin" bin-numru ta' referenza C093709007830023. ... Dan ic-certifikat kien ikopri importazzjoni ta' boroz tal-plastik impurtati mill-kumpannija ISP Ltd. permezz tad-dikjarazzjoni tad-Dwana bin-numru ta' referenza TDID2009600999915. ... Id-Dwana Maltija irceviet ir-risposta ta' l-awtorità Ciniza datata 31 ta' Mejju 2009. ... Illi f'din ir-risposta l-Awtoritajiet Cinizi ta' Shangdong filwaqt li kkonfermaw li l-imsemmi certifikat huwa awtentiku, infurmaw lid-Dwana ta' Malta wkoll li l-invoice ... mahruga mill-kumpannija esportatrici Ciniza Weifang Yuanhua Plastic Products Co. Ltd. meta din applikat biex jinhareg l-imsemmi certifikat, irrizulta li l-imsemmija invoice kienet wahda b'valur ferm differenti minn dik ipprezentata lid-Dwana ta' Malta ghall-fini ta' kalkolu u hlas ta' dazju doganali. Fil-fatt il-valur ta' l-invoice li baghtu l-Awtoritajiet Cinizi ta' Shandong, juri valur ta' ($34,429.50) erbgha u tletin elf u erbgha mija u disa' u ghoxrin Dollaru Amerikan u hamsin centezmu, filwaqt li l-valur iddikjarat lid-Dwana Maltija fil-mument ta' l-importazzjoni f'Malta kien ferm inqas. Fil-fatt ISP Ltd. iddikjarat il-valur tal-merkanzija li jammonta ghal ($4,475.84) erbat elef u erbgha mija u hamsa u sebghin Dollaru Amerikan u erbgha u tmenin centezmu. Wara li rrizultaw dawn il-fatti ta' diskrepanzi fil-valuri, id-Dipartiment tad-Dwana indaga fuq l-importazzjonijiet li kienu diga saru mill-istess kumpannija ISP Ltd. Ghalhekk talab lill-kumpannija importatrici sabiex tipprovdi c-certifikati l-ohra li kienu intuzaw ghall-importazzjonijiet precedenti biex dawn jintbaghtu ghall-verifika wkoll.* Minn dawn il-verifiki rrizulta li fir-rigward ta' diversi konsenji ohra importati mis-socjetà Rikorrenti, il-fatturi pprezentati lill-awtoritajiet Cinizi ghall-finijiet ta' hrug tal-*Certificates of Origin* relattivi kienu jindikaw valur ferm oghla mill-fatturi pprezentati mis-socjetà Rikorrenti lill-awtortitajiet Maltin ghall-finijiet ta' importazzjoni[33].

John Camilleri ikkonferma dak dikjarat minn Saviour Grima u zied jiddikjara li *waqt laqgha ta' ko-operazzjoni li*

---

[33] Affidavit ta' Saviour Grima u dokumenti annessi mieghu markati Dok. "SG" sa' Dok. "SG19" a fol. A2 sa' A53 tal-process.

*d-Dwana Maltija kellha ma' membri tal-European Anti Fraud Office (OLAF) dawn ta' l-ahhar spjegaw kif skond statistici li huma gabbru, il-valur ta' Plastic Bags esportati mic-Cina kellu jkun ta' bejn $1.30 u $1.50 kull kilo. Illi wara stharrig ufficjali ta' l-European Anti Fraud Office (OLAF) ta' l-Unjoni Ewropea ghamlu ma' l-awtoritajiet Cinizi fic-Cina, irrizulta li l-valur indikat fuq il-fatturi pprezentati lid-Dwana ta' Malta ghal disa' konsenji separati li l-kumpannija ISP Ltd. importaw f'Malta, juri li l-valur kif dikjarat tal-plastic bags kien hafna aktar baxx minn dak indikat fuq l-istess fatturi ipprezentati mill-importatur Ciniz lill-awtoritajiet Cinizi. Fil-fatt il-valur reali ta' dawn il-konsenji hu bejn $1.2449 u $1.5399 free on board (FOB) kull kilo. Ta' min jghid illi l-valuri iddikjarati mill-Kumpannija ISP Ltd. kienu ta' bejn $0.147 u $0.22 kull kilo. Dan id-dokument qieghed jigi hawn anness u mmarkat Dok. "JC1"*[34]*.*

Is-socjetà Rikorrenti ppruvat tattakka l-valur probatorju tad-dokumentazzjoni esebita mid-Direttur Generali (Dwana) billi talbet l-isfilz tad-dokumenti annessi ma' l-affidavit ta' Saviour Grima, li effettivament jikkostitwixxu prova sostanzjali kontra taghha. Din it-talba però giet michuda mit-Tribunal b'Digriet moghti fit-8 ta' Mejju 2012 in bazi ghall-konsiderazzjonijiet li: in kwantu rigwarda d-dokumenti Dok. "SG5", Dok. "SG6", Dok. "SG6a", Dok. "SG7", Dok. "SG7a", Dok. "SG8", Dok. "SG8a", Dok. "SG9" – li ma jirreferux ghal konsenji mertu tad-decizjoni appellata – *sabiex it-Tribunal verament ikollu kwadru **shih** tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz jehtieg li d-dokumenti markati Dok. "SG5", Dok. "SG6", Dok. "SG6a", Dok. "SG7", Dok. "SG7a", Dok. "SG8", Dok. "SG8a", Dok. "SG9" jibqghu inseriti fil-process. Il-konsiderazzjoni dwar jekk l-istess dokumenti humiex effettivament rilevanti ghall-meritu proprio ta' dawn il-proceduri jew inkella le, hija konsiderazzjoni li t-Tribunal ghandu jaghmel fl-ahhar wara li jisma' l-provi kollha tal-partijiet kontendenti* u li in kwantu rigwarda id-dokumenti markati Dok. "SG3", Dok. "SG4", Dok. "SG10A", Dok. "SG10B", Dok. "SG10C", Dok. "SG11", Dok. "SG11A", Dok. "SG12", Dok. "SG12A", Dok.

[34] Affidavit ta' John Camilleri u dokument anness mieghu a fol. A55 sa' A57 tal-process.

“SG13”, Dok. “SG13A”, Dok. “SG14”, Dok. “SG15”, Dok. “SG16”, Dok. “SG17”, Dok. “SG18” u Dok. “SG19” - li jirreferu ghall-konsenji mertu tad-decizjoni appellata - *kif gustament osservat mid-Direttur Generali (Dwana) fir-Risposta tieghu l-Artikolu 628 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li l-atti ta’ Gvern barrani, jew ta’ dipartiment ta’ gvern barrani, jew ta’ qrati ta’ gustizzja barranin, jew ta’ stabbilimenti barranin, awtentikati, mir-rapprezentant diplomatiku jew konsulari tal-Gvern ta’ Malta fil-pajjiz li fih ikunu hargu, jew minn persuna li tkun qed isservi f’servizz diplomatiku, konsulari jew f’xi servizz iehor barrani ta’ xi pajjiz li b’arrangamenti tal-Gvern ta’ Malta jkun qed jirrapprezenta l-interessi ta’ dan il-Gvern f’dak il-pajjiz, jew minn awtorità ohra kompetenti, fil-pajjiz li fih ikunu hargu, huma wkoll ammissibbli bi prova bl-istess mod bhad-dokumenti msemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan [l-Artikolu 627 tal-Kap.12] u l-Artikolu 636 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li jistghu jingiebu bi prova kopji awtentici tad-dokumenti imsemmijin fl-artikoli 627, 628 u fl-artikolu 629(a), (b), (c) u (e). Il-kopji jitqiesu awtentici, meta huma maghmula fil-forma li trid il-ligi mill-ufficjal li jkun ircieva jew li jkun merfugh ghandu l-originali, jew mill-persuna awtorizzata legalment ghaldaqshekk. Il-kopji awtentici jaghmlu prova xorta wahda bhall-originali. Id-dokumenti in kwistjoni huma vera fotokopja tar-risposti ta’ diversi Entry-Exit Inspecation and Quarantine Bureaus of the People’s Republic of China, minnhom debitament ittimbrati, b’dokumenti annessi maghhom, ghall-verifiki mitluba mid-Dwana ta’ Malta dwar certifikati ta’ origini relattivi ghall-konsenji ta’ plastic bags importati Malta mis-socjetà Rikorrenti. It-talba mid-Dwana ta’ Malta saret minn Saviour Grima, Principal – Origin Unit fi hdan it-Taqsima tad-Dwana, u r-risposti gew indirizzati lilu. Il-konferma tal-vera fotokopja ta’ dawn id-dokumenti saret mill-istess Saviour Grima u dawn il-vera fotokopji tad-dokumenti gew minnu esebiti flimkien ma’ affidavit tieghu. Fic-cirkostanzi ghalhekk id-dokumenti in kwistjoni jissodisfaw il-vot tal-Ligi dwar l-awtenticità taghhom u ghaldaqstant ghandhom jigu accettati w ai termini ta’ l-Artikolu 636(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta dawn il-vera fotokopji jaghmlu prova xorta wahda bhall-originali.*

Apparte dak già osservat mit-Tribunal fl-imsemmi Digriet, waqt is-seduta ta' l-14 ta' Settembru 2012 Saviour Grima esebixxa wkoll kopja ta' *specimen* tat-timbri ta' l-Awtoritajiet Doganali tac-Cina ottenuta mill-Ispecimen Management System tal-Customs Economic Procedures Unit – Dok. "RM1" a fol. 369 sa' 371 tal-process – minn liema tirrizulta konferma li t-timbri li hemm fuq id-dokumenti minnu esebiti bhala d-dokumenti li huwa rcieva minghand l-awtoritajiet doganali Cinizi huma fil-fatt it-timbri awtentici ta' dawk l-istess awtoritajiet u li ghalhekk giet stabbilita l-awtenticità ta''' l-istess dokumentazzjoni.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha s-socjetà Rikorrenti tishaqq li *mill-provi prodotti mill-intimat, ossia l-affidavit ta' Saviour Grima, peress illi x-xhieda ta' Paul Bonello hija generika u qatt ma tirreferi ghal container/importazzjoni partikolari, jirrizulta b'mod car li hemm zewg importazzjonijiet biss li ssir xi prova jew ohra ghalihom, ossia TDID 2009601003513 u TDID 2009600999915. Illi ghalhekk il-mertu tal-kawza odjerna huwa limitat ghal dawn iz-zewg TDID's peress li ma tezisti ebda allegazzjoni ta' prova fil-konfront tad-TDID's l-ohra. Bil-procedura odjerna, dak il-principju gie bil-maqlub u r-rikorrenti jifhmu li din is-sitwazzjoni hija barra mill-kontroll tal-Bord u tal-partijiet. Izda xorta wahda jrid imbaghad ikun hemm prova minn naha ta' l-intimati li direttament taghmel referenza ghal importazzjonijiet in kwistjoni. Ir-rikorrenti qatt ma jistghu jigu mitluba jhallsu a bazi ta' spekulazzjoni generika jew affarijiet ta' natura universali li ma jittrattawx l-importazzjoni mertu tal-kawza in kwistjoni. Tant hu minnu li l-Kontrollur stess jaghmel referenza partikolari ghal TDID's sabiex jidentifika l-improtazzjoni u r-rikorrenti umilment jissottomettu li qatt ma tista' tissussisti t-talba kontra taghhom fir-rigward ta' TDID's li ma hemm l-ebda prova, la dokumentarja u la verbali fil-konfront ta' l-importazzjonijiet li saru.*

Ghalkemm fil-principju t-Tribunal jaqbel mas-socjetà Rikorrenti li ebda awtorità pubblika ma tista' tippretendi li validament u legalment tipprocedi fil-konfront ta' persuna in bazi ghal spekulazzjonijiet jew kongetturi izda ghandha tibbaza l-azzjoni/decizjoni taghha fil-konfront ta' dik il-

persuna fuq provi cari, ma jaqbilx maghha li fil-kaz in ezami din il-**prova cara** ma saritx da parte tad-Direttur Generali (Dwana) ghal iktar minn zewg konsenji ta' *plastic bags* importati minnha. Ghalkemm huwa minnu li mill-affidavit ta' Saviour Grima u dokumenti minnu esebiti hemm riskontru ma' zewg konsenji biss ta' *plastic bags* li gew importati mis-socjetà Rikorrenti, ossia l-konsenji koperti bid-dokumenti ta' importazzjoni bin-numri ta' referenza TDID 2009600999915[35] u TDID 2009601003513[36], is-socjetà Rikorrenti ghal kollox injorat dak li jirrizulta mix-xhieda moghtija minn John Camilleri kemm fl-affidavit tieghu a fol. A55 sa' A57 tal-process kif ukoll waqt is-seduti ta' l-20 ta' Novembru 2012[37] u tal-15 ta' Jannar 2013[38], minn liema kjarament jirrizulta li l-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), ghandu prova ta' dak minnu affermat fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti fir-rigward ta' diversi konsenji ohra ta' *plastic bags* li gew minnha importati.

In effetti fl-affidavit tieghu John Camilleri jghid illi *wara stharrig li ufficjali ta' l-European Anti Fraud Office (OLAF) ta' l-Unjoni Ewropea ghamlu ma' l-awtoritajiet Cinizi fic-Cina, irrizulta li l-valur indikat fuq il-fatturi pprezentati lid-Dwana ta' Malta ghal disa' konsenji separati li l-kumpannija ISP Ltd. importaw f'Malta, juri li l-valur kif dikjarat tal-plastic bags kien hafna iktar baxx minn dak indikat fuq l-istess fatturi ipprezentati mill-esportatur Ciniz lill-awtoritajiet Cinizi. Fil-fatt il-valur reali ta' dawn il-konsenji hu bejn $1.2449 u $1.5399 free on board (FOB) kull kilo. Ta' min jghid illi l-valuri ddikjarati mill-kumpannija ISP Ltd. kienu ta' bejn $0.147 u $0.22 kull kilo. Fan id-dokument qieghed jigi hawn anness u immarkat Dok. "JC1".* Mix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2013 u d-dokumenti esebiti waqt l-imsemmija seduta, jirrizulta li John Camilleri rcieva dan id-dokument, ossia d-dokument Dok. "JC1" direttament minghand David Hannay, Head of Operations tal-European Anti-Fraud Office (OLAF) u dan kif johrog car mill-e-mail datata 3 ta'

---

[35] Fol. 62 sa' 75 tal-process.
[36] Fol. 126 sa' 138 tal-process.
[37] Fol. 383 sa' 389 tal-process.
[38] Fol. 395 sa' 398 tal-process.

Ottubru 2011 u dokumenti annessi maghha, ilkoll flimkien markati Dok. “SS1” a fol. 391 sa’ 394 tal-process u ghalhekk id-Direttur Generali (Dwana) irnexxielu jipprova l-awtenticità ta’ dan id-dokument u konsegwenti informazzjoni fuq liema hija bbazata l-posizzjoni tieghu fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti.

Meta d-dokument Dok. “JC1” a fol. A57 tal-process jigi mqabbel mad-dokumenti ta’ importazzjoni esebiti mis-socjetà Rikorrenti flimkien mar-Rikors promotur jirrizulta li l-istess jaghmel referenza ghall-konsenji ta’ *plastic bags* minnha importati koperti bis-segwenti dokumenti ta’ importazzjoni: TDID 2008600985743[39], TDID 2009600988229[40], TDID 2009600994512[41], TDID 2009600994513[42], TDID 2009601003512[43], TDID 2009601007344[44] u TDID 2009601007242[45]. Ghalhekk kuntrarjament ghal dak affermat mis-socjetà Rikorrenti l-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), ghandu prova dwar ben 9 konsenji ta’ *plastic bags* li jifformaw is-suggett tad-decizjoni tieghu komunikata lill-imsemmija socjetà bl-ittra datata 24 ta’ Settembru 2010. It-Tribunal ghalhekk ghandu jikkoncentra fuq dawn id-disa’ konsenji u jiddetermina jekk is-socjetà Rikorrenti rnexxilhiex teghleb b’mod sodisfacenti l-provi li d-Direttur Generali (Dwana) ghandu fil-konfront taghha.

Is-socjetà Rikorrenti tirribatti ghall-provi prodotti mid-Direttur Generali (Dwana) billi tikkontendi li tramite l-provi minnha prodotti irnexxielha tistabilixxi b'mod sodisfacenti li *r-rikorrenti huma kumpannija registrata Malta li xtrat minghand kumpannija registrtata Hong Kong, ossia Full Dynamic Trading Limited. Ir-rikorrenti qatt ma xtraw mic-Cina u qatt ma kellhom relazzjoni mal-manifattur. Dan huwa punt krucjali fil-kawza in kwistjoni. ... ir-rikorrenti impurtaw, ghal kull container li dahal Malta pprezentaw id-dokumentazzjoni relattiva lid-Dwana u hallsu depozitu jew*

---

[39] Fol. 8 sa’ 19 tal-process.
[40] Fol. 36 sa’ 49 tal-process.
[41] Fol. 88 sa’ 100 tal-process.
[42] Fol. 101 sa’ 113 tal-process.
[43] Fol. 113 sa’ 125 tal-process.
[44] Fol. 139 sa’ 156 tal-process.
[45] Fol. 185 sa’ 197 tal-process.

*ahjar Suspense Payment kif jidher car fid-dokumenti mmarkati Dok. A. Illi l-oggetti gew spezjonati sew mill-Ufficjal tad-Dwana go l-istripping shed Hal-Far fejn sar rilaxx u l-Ufficjal tad-Dwana kien sodisfatt li l-valur ta' dawk l-oggetti kien dikjarat sewwa tant li d-depositu ghadda biex sar Definitive Payment kif jidher mid-dokumenti markati Dok. B. Illi t-transazzjonijiet saru kollha permezz ta' bank transfers ikkonfermati miz-zewg banek u esebiti fil-kawza. Illi l-awditur Robert Borg ikkonferma dan fix-xhieda tieghu u kkonferma li sar clean audit report fejn kien hemm transazzjonijiet semplici ta' xiri u bejgh u li vverifika l-fatturi kollha u li t-transazzjonijiet saru kollha permezz tal-bank fejn kollox gie rikonciljat. Illi kull importazzjoni giet spezzjonata, rilaxxata u konfermata mill-istess intimat u llum r-rikorrenti jinsabu fl-impossibilità li jaghmlu prova aktar milli ghamlu – propju ukoll ghax l-intimat accetta l-hlas definittiv ghal kull importazzjoni. Illi bir-rispett kollu, l-intimat qed jaghmel l-argument tieghu fuq allegazzjoni li meta giet prodotta l-merkanzija din harget mic-Cina b'valur hafna aktar gholi. Izda ma ngabet l-ebda prova dwar il-valur tal-merkanzija meta din dahlet Malta. L-intimat qed jassumi li gja ladarba din giet prodotta isegwi li kellha tigi importata b'dak il-prezz jew ghola. Dan imur direttament kontra l-principju ta' negozju. L-intimat jipprova jsahhah parzjalment it-tezi teighu billi jghid li esperti ta' l-OLAF jghidu li l-materja prima tal-prodott in kwistjoni jaghtihom ragun - izda min imkien ma jirrizulta b'mod xjentifiku jew b'mod dirett li wiehed qieghed jitkellem fuq l-istess materja prima, jew li l-prodott huwa maghmul skond is-sengha u l-arti li jiswa dak il-valur, jew li l-prodott ma huwiex ta' kwalità inferjuri kif xehdu r-rikorrenti diversi drabi. Illi l-intimat ma jgib l-ebda prova ta' dan - minbarra hekk, fis-sistema Taghna, perizja biex tkun ammissibbli trid tkun gudizzjarja, awtorizzata jew ordnata mill-Qorti, b'perit mahtur mill-Qorti. Illi l-intimat imkien ma jikkontesta l-fatt li t-transazzjonijiet saru kollha permezz tal-bank u imkien ma jgib prova li l-merkanzija inxtrat mir-rikorrenti b'valur ferm aktart gholi. L-intimat semplicement jaghmel argumenti fuq il-bazi li ghandu dubji izda qatt ma jgib prova ta' hlas jew ta' transazzjoni li ssahah it-tezi teighu. Illi r-rikorrenti jissottomettu li dan hu kaz fejn minn naha wahda ghandek ir-rikorrenti li jghidu*

*minn fejn xtraw il-merkanzija, jipprezentaw id-dokumenti kollha li bihom xtraw il-merkanzija, jipprezentaw it-transazzjonijiet bankarji li biha nxtrat il-merkanzija, jipprezentaw il-bejgh ta' l-istess merkanzija li turi profit normali, u jikkonfermaw li l-kotba taghhom huma rikonciljati - filwaqt li l-intimat jikkontesta dan billi jallega li l-manifattur esporta bi prezz hafna ghola u li s-suq internazzjonali jikkonferma t-tazi taghhom minghajr identifikazzjoni tal-kwalità tal-prodott. Illi r-rikorrenti jippruvaw b'mod car, specjalment ghal dak li jirrigwarda t-transazzjonijiet bankarji, li l-prezz taghhom huwa dak gust u fid-dawl li l-istess intimat irrilaxxa l-merkanzija huwa impossibbli li jgibu provi aktar jew aqwa ta' dawk li fil-fatt ipprezentaw.*

Wara li qies sewwa l-provi prodotti mis-socjetà Rikorrenti u b'mod partikolari d-dokumentazzjoni ta' l-importazzjoni esebita flimkien mar-Rikors promotur u l-*istatements* ta' l-HSBC Bank Malta p.l.c esebiti mir-rapprezentant ta' l-istess Bank a fol. 303 tal-process, it-Tribunal huwa tal-fehma li kuntrarjament ghal dak minnha osservat u sottomess fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha, is-socjetà Rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova b'mod sodisfacenti li l-anomaliji li rrizultaw lill-Kontrollur tad-Dwana partikolarment dwar id-disa' konsenji ta' *plastic bags* koperti bid-dokumentazzjoni ta' importazzjoni bin-numri TDID 2009600999915, TDID 2009601003513, TDID 2008600985743, TDID 2009600988229, TDID 2009600994512, TDID 2009600994513, TDID 2009601003512, TDID 2009601007344 u TDID 2009601007242, ma huwiex minnu u li per di più l-Kontrollur kien zbaljat fid-decizjoni li huwa ha fil-konfront taghha ghall-inqas fir-rigward ta' dawn id-disa' konsenji partikolari.

Ghalkemm is-socjetà Rikorrenti tishaqq li hija qatt ma kellha relazzjoni mal-manifattur gewwa c-Cina ghaliex dejjem akkwistat il-*plastic bags* minghand is-socjetà Full Dymanic Trading Limited gewwa Hong Kong, mid-dokumentazzjoni ta' l-importazzjoni minnha stess sottomessa lill-awtoritajiet tad-Dwana w in segwitu esebita quddiem dan it-Tribunal jirrizulta li dawn id-disa' konsenji

appena citati dejjem gew minnha indikati bhala li originanti mic-Cina. In effetti f'kull wahda minnhom hemm indikata bhala *Sender* is-socjetà Weifang Yuanhua Plastic ta' Weifang City, Shandong Province, P.R. China. B'hekk ghalkemm l-akkwist tal-konsenji ta' *plastic bags* seta' sar minghand is-socjetà Full Dynamic Trading Limited ta' Hong Kong dawn l-istess konsenji dejjem gew spediti Malta mill-manifattur gewwa c-Cina u ghalhekk id-dokumentazzjoni ta' l-esportazzjoni minnu sottomessa lill-Awtoritajiet Cinizi ghall-fini ta' esportazzjoni u hrug ta' *Certificates of Origin* hija, kuntrarjament ghal dak affermat mis-socjetà Rikorrenti, ferm importanti, rilevanti u pertinenti kemm vis-a-vis ghall-importazzjoni ta' l-istess merkanzija gewwa Malta kif ukoll ghall-investigazzjonijiet li in segwitu saru mill-Kontrollur tad-Dwana. L-argument migjub 'l quddiem mis-socjetà Rikorrenti li kummercjalment ma jaghmel ebda sens li l-valur dikjarat fid-dokumentazzjoni ta' l-esportazzjoni ikun l-istess bhall-valur dikjarat fid-dokumentazzjoni ta' l-importazzjoni huwa fil-fehma tat-Tribunal kompletament zbaljat u inaccettabbli. Huwa bil-wisq logiku w evidenti li l-valur tal-merkanzija importata ghandu jkun jaqbel mal-valur dikjarat ghal dik l-istess merkanzija ghall-finijiet ta' esportazzjoni partikolarment meta l-kwantità esportata mic-Cina tigi effettivament importata f'Malta.

Ghalkemm is-socjetà Rikorrenti tipprova ggib fix-xejn il-valur probatorju tad-dokumentazzjoni pertinenti ghall-esportazzjoni tal-konsenji ta' *plastic bags* mic-Cina billi esebiet il-fatturi mahruga lilha mis-socjetà Full Dynamic Trading Limited u l-*istatements* ta' l-HSBC Bank, kemm taghha kif ukoll tas-socjetà Jet Services Limited, relattivi ghall-hlasijiet li skontha saru lill-istess Full Dynamic Trading Limited kontra dawn il-fatturi, mill-istatements kompluti sottomessi mir-rapprezentant ta' l-HSBC Bank Malta p.l.c. a fol. 303 tal-process tirrizulta stampa fir-rigward ta' uhud minn dawn il-fatturi relattivi ghad-disa' konsenji in kwistjoni li hi kemm xejn differenti minn dik propsettata mis-socjetà Rikorrenti u li ma giet minnha spjegata bl-ebda mod.

Flimkien mar-Rikors promotur is-socjetà Rikorrenti esebiet *statements* tal-Bank fejn jirrizultaw it-*transfers* li skontha saru minnha ghall-finijiet ta' hlas tal-fatturi mahruga lilha minn Full Dynamic Trading Limited u esebiet il-fatturi li hija tikkontendi li huma relattivi ghal tali *transfers*. Mill-*istatements* esebiti mir-rapprezentant ta' l-HSBC Bank Malta p.l.c., u senjatament mill-*istatement* datat 27 ta' Marzu 2009, però jirrizulta li l-fatturi bin-numru 10095, 10096, 10097 u 10098, fejn il-fatturi 10095, 10097 u 10098 jirreferu ghall-merkanzija koperta bid-dokumenti ta' importazzjoni bin-numri TDID 2009600999915, TDID 2009600994512 u TDID 2009600994513, ossia fost id-disa' konsenji trattati f'din id-decizjoni, effettivament thallsu f'zewg pagamenti effettwati fit-2 ta' Marzu 2009 permezz ta' transazzjoni wahda ghall-valur ta' €13,759.33 u transazzjoni ohra ghall-valur ta' €13,805.07, b'dana ghalhekk li l-valur komplessiv li thallas mis-socjetà Rikorrenti ghal dawk il-fatturi huwa ta' €27,564.40 u mhux ta' $17,021.17, ekwivalenti ghal €12,411.53, kif allegat mis-socjetà Rikorrenti a fol. 71 tal-process. Bl-istess mod mill-*istatements* datati 27 ta' Marzu 2009 u 27 ta' Ottubru 2009 jirrizulta li l-fattura mahruga mill-Full Dynamic Trading Limited bin-numru 10091 relattiva ghall-konsenja koperta bid-dokument ta' importazzjoni bin-numru TDID 2008600985743 ukoll wiehed mid-dokumenti trattati f'din id-decizjoni, li skont is-socjetà Rikorrenti kienet ghall-valur ta' $2,970 effettivament thallset f'darbtejn, darba fit-12 ta' Marzu 2009 flimkien ma' fatturi ohra bin-numri 10092, 10093 u 10094 fejn il-hlas komplessiv kien ta' €12,12606 u darb' ohra fid-29 ta' Settembru 2009 flimkien ma' fatturi ohra bin-numri 10075, 10076, 10077, 10078, 10079, 10080 u 10091 fejn il-hlas komplessiv kien ta' €26,642.62. Dan il-fatt li gie ghal kollox sorvolat mis-socjetà Rikorrenti u ghalhekk baqa' minnha mhux spjegat serjament jpoggi fid-dubju l-veracità u fondatezza ta' dak minnha affermat u cioè li l-fatturi mahruga minn Full Dynamic Trading Limited minnha esebiti flimkien mar-Rikors promotur u sottomessi lill-Awtorità tad-Dwana Maltija jirriflettu l-valur reali tal-merkanzija minnha akkwistata minghand l-imsemmija socjetà w importata f'Malta. Bl-istess mod dana l-fatt jaghti perspettiva ghal kollox differenti ghall-affermazzjoni ta' Robert Borg, awditur tas-socjetà Rikorrenti, li l-*audit report*

tas-socjetà huwa *a clean audit* ghaliex meta raw il-fatturi kollha dawn gew kollha rikonciljati ma' l-*istatements* tal-bank. Wiehed f'dan il-kaz necessarjament jistaqsi jekk is-socjetà Rikorrenti wrietx lill-awditur taghha l-fatturi minnha sottomessi lid-Dwana w esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri jew inkella fatturi ulterjuri jew addirittura differenti li juru realtà diversa minn dik minnha prospettata lid-Dwana u lil dan it-Tribunal.

Is-socjetà Rikorrenti tikkontendi wkoll li *l-intimat ipprova jesplora li setghet kienet kumpannija ohra Maltija, ossia Jet Services Limited, peress li wiehed mill-azzjonisti tar-rikorrenti Olvin Galea huwa azzjonista ukoll f'din il-kumpannija, li hija involuta. Illi dan huwa ghal kollox zbaljat kif gie ppruvat fil-kors tal-proceduri peress li jidher b'mod car li Jet Services Limited huma freight fowarders u dawn kienu inkarigati biex jaghmlu xoghol ta' freight forwarding tal-merkanzija in kwistjoni.* Mill-provi prodotti mis-socjetà Rikorrenti u senjatament mix-xhieda ta' Olvin Galea moghtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2011[46] u ta' Roberto Mifsud moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju 2011[47] jirrizulta li s-socjetà Jet Services Limited kienet inkarigata mis-socjetà Rikorrenti bhala *freight forwarder* ghall-fini ta' importazzjoni w esportazzjoni mill-gdid tal-merkanzija in kwistjoni u li dan kien l-uniku involviment li din is-socjetà kellha ma' dan in-negozju. Madanakollu però mill-istatements tal-Bank ta' l-imsemmija Jet Services Limited esebiti mir-rapprezentant ta' l-HSBC Bank Malta p.l.c. jirrizulta li kien hemm okkazzjonijiet fejn fl-istess zmien jew ftit granet qabel li s-socjetà ISP Limited irceviet hlas minghand is-socjetà Pansac Limited – il-klijent tas-socjetà ISP Limited – is-socjetà Jet Services Limited, li jigi ribadit skont is-socjetà Rikorrenti u Roberto Mifsud f'din il-kwistjoni kollha kellha relazzjoni kummercjali biss mas-socjetà Rikorrenti – ghal raguni li baqghet bla spjegazzjoni hi wkoll irceviet hlasijiet piuttost sostanzjali minghand Pansak Limited.

Dan johrog car mill-istatements tas-socjetà Rikorrenti datati 27 ta' Marzu 2009 (pagna 2), 27 ta' April 2009

---

[46] Fol. 265 sa' 270 tal-process.
[47] Fol. 272 tal-process.

(pagna 1, pagna 2), 27 ta' Mejju 2009 (pagna 1) u 27 ta' Gunju 2009 (pagna 1) u mill-istatements tas-socjetà Jet Services Limited datati 26 ta' Mejju 2009 (pagna 5, 10, 12, 13, 18) utas-26 ta' Awwissu 2009 (pagna1) fejn jirrizulta li z-zewg kumpanniji fl-istess dati jew fi granet ftit boghod minn xulxin entrambe rcevew hlasijiet minghand Pansak Limited meta din l-ahhar socjetà skond id-Diretturi tas-socjetà Rikorrenti kienet klijenta tas-socjetà Rikorrenti biss. Dan il-fatt, li wkoll gie ghal kollox sorvolat mis-socjetà Rikorrenti, ikompli jimpingi fuq il-veracità u kredibilità ta' dak affermat mis-socjetà Rikorrenti in sua difesa kontra l-pretensjonijiet tal-Kontrollur tad-Dwana, illum Direttur Generali (Dwana), fil-konfront taghha.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal jasal ghall-konkluzzjoni li in kwantu rigwarda l-konsenji ta' *plastic bags* koperti bid-dokumenti ta' importazzjoni bin-numri TDID 2009600999915, TDID 2009601003513, TDID 2008600985743, TDID 2009600988229, TDID 2009600994512, TDID 2009600994513, TDID 2009601003512, TDID 2009601007344 u TDID 2009601007242 il-provi prodotti mis-socjetà Rikorrenti tul is-smigh ta' dawn il-proceduri mhux talli ma jgibux fix-xejn il-provi tad-Direttur Generali (Dwana) fil-konfront taghha vis-a-vis dawn l-istess konsenji tali juru sitwazzjoni li iktar tikkorobora u b'hekk issahhah l-affermazzjoni tad-Direttur Generali (Dwana) li fir-rigward ta' dawn il-konsenji partikolari kien hemm *underdeclaration* da parte tas-socjetà Rikorrenti ghal dak li jirrigwarda l-valur tal-merkanzija bil-konsegwenza li naqset milli thallas id-dazju u *anti-dumping duty* kollha minnha effettivament dovuta, liema dazju u *anti-dumping duty* mhux imhallsa mis-socjetà Rikorrenti jammontaw ghal €30,380.07.

Fir-rigward tal-konsenji l-ohra però t-Tribunal ma jistax jasal ghal din l-istess konkluzzjoni. Ghalkemm mill-provi prodotti mid-Direttur Generali (Dwana) wiehed jista' jassumi li l-operat tas-socjetà Rikorrenti kien l-istess fir-rigward tal-konsenji l-ohra wkoll, it-Tribunal ma jistax jibbaza d-decizjonijiet tieghu fuq assunzjonijiet izda fuq provi cari. Fid-dawl ta' dan ghalhekk jastjeni milli jittratta dwar id-dokumenti ta' importazzjoni bin-Numri TDID

2009601020778, TDID 2009600990700, TDID 2009600988228, TDID 2009601025004, TDID 2009601017688, TDID 2009601007159, TDID 2009601011439, TDID 2009601025003, TDID 2009601020779.

Is-socjetà Rikorrenti tikkontendi wkoll li *jista' jaghti l-kaz li d-dazju li kellu jithallas mill-istess esponenti gie kalkolat hazin mill-Kontrollur tad-Dwana peress illi ai termini tal-Kap.337 [Chapter 42 pagna 39] il-valur ta' dazju fuq shopping bags huwa ta' 5.8 u ghalhekk hawnhekk hemm lok ta' revizzjoni 'l isfel tad-dazju li kellhom ihallsu l-esponenti.* Din l-affermazzjoni tinsab kontestata mid-Direttur Generali (Dwana) li jikkontendi li r-rati ta' dazju u *anti-dumping duty* applikati fil-kaz in ezami huma korretti u ma hemm l-ebda revizzjoni 'l isfel li ghandha ssir. It-Tribunal wara li rrefera ghall-Kap.337 tal-Ligijiet ta' Malta u senjatament l-Skedi ta' l-Att huwa tal-fehma li din il-kontestazzjoni tas-socjetà Rikorrenti hija ghal kollox infondata stante li mill-istess jirrizulta li d-dazju effettivament dovut fuq l-importazzjoni ta' *plastic bags* hekk importati mill-imsemmija socjetà huwa ta' 8.4% u mhux ta' 5.8% kif minnha allegat. B'hekk din il-kontestazzjoni wkoll ma tisthoqqx li tigi milqugha u jigi kkonfermat li l-valur ta’ dazju u *anti-dumping duty* li ma thallasx mis-socjetà Rikorrenti jammonta ghal €30,380.07.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi:

1. Fl-ewwel lok jordna korrezzjoni ulterjuri fl-okkju tal-proceduri fis-sens illi t-titolu "Kummissarju tat-Taxxi" jigi kkancellat u sostitwit bit-titolu "Direttur Generali (Dwana)”;
2. Jichad l-ewwel tlett talbiet tas-socjetà Rikorrenti; u
3. Jilqa’ in parte r-raba’ talba taghha b’dana li jhassar u jirrevoka dik il-parti tad-decizjoni tal-Kontrollur tad-Dwana notifikata lis-socjetà Rikorrenti b’ittra datata 24 ta’ Settembru 2010 in kwantu din tirreferi ghall-konsenji ta’ *plastic bags* koperti bid-dokumenti ta’ importazzjoni bin-Numri TDID 2009601020778, TDID 2009600990700, TDID 2009600988228, TDID 2009601025004, TDID 2009601017688, TDID 2009601007159, TDID

2009601011439, TDID 2009601025003, TDID 2009601020779, izda tikkonferma dik l-istess decizjoni in kwantu tirreferi ghall-konsenji ta' *plastic bags* koperti bid-dokumenti ta' importazzjoni bin-Numri TDID 2009600999915, TDID 2009601003513, TDID 2008600985743, TDID 2009600988229, TDID 2009600994512, TDID 2009600994513, TDID 2009601003512, TDID 2009601007344 u TDID 2009601007242 b'dana li d-dazju u *anti-dumping duty* dovuti mis-socjetà Rikorrenti lid-Direttur Generali (Dwana) jammontaw ghal €30,380.07.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn is-socjetà Rikorrenti u d-Direttur Generali (Dwana).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------